Vol 39
Nru 202
Ottubru - Diċembru 2018

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2018

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Knisja ta' Agia Kyriaki*
*Chrysopolitissa, Pafos*

# Werrej



6



17



21

25




*6* **San Pawl u San Barnaba f'Ċipru**

*17* **Il-Ktieb ta' Bin Sira**

*21* **Il-Kompassjoni ta' Alla**

*25* **L-Eżorċiżmi ta' Ġesù fil-Vanġelu skont San Mark (4)**

*31* **It-Tema tal-ħbiberija fl-Evanġelju skont San Ġwann**

*38* **Infakkru t-800 Sena mill-miġja ta' San Franġisk fl-Art Imqaddsa**




31

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## San Franġisk fl-Art Imqaddsa

Fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa qed isiru l-aħħar tħejjijiet għaċ-ċelebrazzjoni tat-800 sena minn meta San Franġisk żar l-Orjent fl-1219, okkażjoni li fiha hu ltaqa' mas-Sultan tal-Eġittu al-Malik al-Kamil qrib il-belt ta' Damietta, waqt li kienet qed issir il-gwerra bejn is-Saraċini u l-qawwiet tal-Kruċjati.

Is-sena d-dieħla se tkun kollha kemm hi ddedikata għal dan l-avveniment importanti fil-ħajja ta' San Franġisk, u wkoll fl-istorja tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet se jkun qrib il-festa ta' San Franġisk, meta se jsir konvenju ta' studji u ċelebrazzjonijiet liturġiċi speċjali f'Ġerusalemm. Imma se jkun hemm ukoll avveniment ieħor importanti li se jsir proprju f'Damietta, fuq id-delta tax-xmara Nil, fl-Eġittu, fix-xahar ta' Frar 2019, u li għalih se jkun hemm preżenti l-Kustodju u anke l-Ministru Ġeneral tal-Franġiskani.

San Franġisk kien ipprova jmur fl-Orjent diversi drabi bla ma rnexxielu. L-ewwel darba kien fl-1212, meta hu telaq bil-baħar minn Ancona, imma spiċċa fil-kosta tad-Dalmazja minħabba tempesta u kellu jerġa' lura fl-Italja. It-tieni darba kien fl-1213-1214, meta ittanta li jmur jevanġelizza lis-Saraċini fil-Marokk, imma din id-darba wkoll wasal biss sa Spanja fejn marad, u kellu jerġa' lura fl-Italja.

*...editorjal*
*San Franġisk fl-Art Imqaddsa*



Kellu jkun Fra Eġidju l-ewwel Franġiskan li żar l-Art Imqaddsa fl-1215. Dan kien mar fuq pellegrinaġġ lejn is-Santwarji tal-Fidwa, u nafu li rnexxielu jżur Ġerusalemm u postijiet oħrajn, l-ewwel Franġiskan li medd riġlejh f'dawn l-artijiet.

Fil-Kapitlu ta' Pentekoste tal-1217 San Franġisk bagħat lill-patrijiet f'diversi inħawi f'missjoni u biex ixerred l-Ordni f'dawk li mbagħad bdew jissejħu Provinċji. Waħda minn dawn il-Provinċji kienet proprju dik tal-Orjent, imsejħa Provinċja tas-Sirja jew ta' *Oltremare*, li kienet tiġbor fiha l-Lvant Nofsani kollu. Bħala mexxej tal-patrijiet li marru f'dawn l-inħawi San Franġisk bagħat lil fra Elija ta' Cortona, li waqqaf l-ewwel kunvent tal-Franġiskani fil-belt Kruċjata ta' Akko, jew Akri, fuq il-kosta tal-Palestina.

Il-preżenza tal-Franġiskani fl-Orjent kienet il-motiv għaliex San Franġisk seta' jżur dawn l-artijiet fl-1219. Diġà fl-1215 il-Papa Innoċenz III kien iddikjara Kruċjata ġdida biex il-qawwiet Kristjani jieħdu lura l-Qabar ta' Kristu u s-Santwarji l-oħrajn li kienu tilfu meta Saladin ġab fix-xejn ir-Renju Latin ta' Ġerusalemm fl-1187. Kien fl-okkażjoni tal-Konċilju Lateran IV li l-Papa nieda l-Kruċjata, imma sakemm inġabru l-forzi meħtieġa kellhom jgħaddu tliet snin. Kien fl-1218 li l-Kruċjati waslu fl-Eġittu, bl-iskop li jieħdu l-belt ta' Damietta fix-xmara Nil u mbagħad il-Kajr, u hekk iġibu fix-xejn is-saltna ta' al-Malik al-Kamil li kien qed jokkupa l-Art Imqaddsa.

Kien fl-24 ta' Ġunju 1219 li San Franġisk salpa minn Ancona flimkien ma' fra Illuminato u mar mal-Kruċjati fl-Orjent. Għaddew mal-kosta tal-Greċja, minn Kreta, Ċipru u waslu fil-belt ta' Akri, fejn Franġisku ġie milqugħ minn fra Elija. Minn hemmhekk komplew bil-baħar lejn Damietta. Franġisku għadda s-sajf kollu tal-1219 fil-kamp tal-Kruċjati u ra b'għajnejh il-ħruxija tal-battalji kif ukoll il-ħajja mhux dejjem eżemplari tal-istess Kruċjati, li kienu mmexxijin mir-Re Jean de Brienne u mill-Kardinal Legat Pelaġju Galvan.

Sadanittant kien wasal Damietta l-Isqof ta' Akri, Jacques de Vitry, li kien ġie kkonsagrat mill-Papa Onorju III fid-19 ta' Lulju 1216. Hu jagħtina rakkonti importanti dwar il-preżenza ta' San Franġisk fil-kamp Kruċjat. L-istess jagħmel il-biografu ewlieni ta' San Franġisk, fra Tommaso da Celano. Huwa hu li jgħidilna li fid-29 ta' Awwissu 1219 il-Kruċjati kienu sofrew telfa kbira u ħafna minnhom ġew maqtulin, u kif San Franġisk kien ħeġġiġhom biex ma jiġġildux imma ma semgħux minnu. Wara din it-telfa sar mument ta' paċi temporanja li fiha ma sarx ġlied.

Kien f'dan il-perjodu ta' waqfien mill-ġlied li

San Franġisk iddeċieda li jaqsam għall-kamp tas-Saraċini biex jiltaqa' mas-sultan tal-Eġittu al-Malik al-Kamil qrib Damietta. Wara li qala' l-permess li l-Legat tal-Papa tah kontra qalbu, Franġisku mar ma' frate Illuminato għand is-Sultan. Għandna diversi rakkonti tal-ġrajja, li wħud minnhom huma leġġendarji, imma oħrajn għandhom verità storika soda. Jidher li San Franġisk ġie meħud quddiem is-Sultan u dan semgħu permezz ta' interpreti. Kienet l-ewwel darba li bniedem daqshekk sempliċi rnexxielu jitkellem quddiem persuna li kienet meqjusa l-akbar għadu tal-Kristjani. Minkejja dan is-Sultan sema' bil-qalb kollha lil San Franġisk, u ttrattah b'umanità kbira, hekk li Franġisku dam diversi ġranet fil-kamp tas-Saraċini.

Għalkemm hu xtaq isofri l-martirju u ċertament xtaq ukoll li s-Sultan jikkonverti, imma ma għamel l-ebda ġest biex jipprovoka l-mibegħda tal-Musulmani jew tas-Sultan. Mhux biss, imma s-Sultan baqa' impressjonat bix-xhieda ta' faqar ta' Franġisku, li ma riedx jilqa' r-rigali li ried jagħtih. Ir-riżultat kien li tah *signaculum*, jew permess miktub, biex bih hu seta' jżur is-Santwarji tal-Fidwa fl-Art Imqaddsa, li kienu pprojbiti għall-Insara għax kienu f'idejn il-Musulmani u l-Insara riedu jħallsu biex jidħlu fihom. Imma San Franġisk kellu l-permess tas-Sultan biex iżurhom u jitlob fihom bla ma jħallas il-ħaraġ.

L-istoriċi mhux kollha jaqblu dwar jekk Franġisku fil-fatt irnexxilux iżur l-Art Imqaddsa. Ċertament reġa' lura lejn Akri u mbagħad kellu jerġa' lura fl-Italja. Però dan ma jfissirx li ma kellux żmien biex iżur Ġerusalemm, Betleħem u l-Postijiet Qaddisa l-oħrajn. Wieħed kronista Franġiskan, fra Angelo Clareno, li kiteb fl-1325, mitt sena wara l-mewt ta' San Franġisk, jgħidilna li Franġisku mar iżur l-Art Imqaddsa.

Din hi l-ġrajja li se nfakkru s-sena d-dieħla. Anke aħna se nippruvaw infakkruha b'mod xieraq permezz ta' din ir-Rivista Biblika dwar l-Art Imqaddsa, li fiha se jkollna diversi artikli ta' natura storika li juruna l-importanza ta' din il-ġrajja, il-bidu ta' preżenza stabbli Franġiskana fl-Art ta' Ġesù li tmur lura 800 sena.



**Il-Bord Editorjali jawgura Milied Qaddis u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha**



# SAN PAWL U SAN BARNABA F'ĊIPRU

***Noel Muscat ofm***

Il-gżira ta' Ċipru tiftaħar li hi Knisja appostolika. U dan bir-raġun. Fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli Ċipru tissemma aktar minn darba bħala gżira li fiha ħadmu l-appostli. Fosthom insibu tnejn li kienu evanġelizzaturi tal-gżira b'mod speċjali. Dawn huma San Pawl u San Barnaba. Kienu dawn iż-żewġ appostli li qiegħdu l-bażi tal-fidi nisranija f'din il-gżira,

speċjalment waqt l-ewwel vjaġġ missjunarju li kienu għamlu flimkien fis-sena 44 W.K. Ir-rakkont tal-bidu ta' dan il-vjaġġ, li beda proprju minn Ċipru, insibuh fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli 13,1-14.

## Ir-rakkont ta' Atti 13,1-14

"Fil-Knisja ta' Antjokja kien hemm xi profeti u għalliema: Barnaba, Xmun li jgħidulu Niger, Luċju minn Ċireni, Manahen li kien trabba ma' Erodi t-tetrarka, u Sawl. Darba, waqt li kienu qegħdin iqimu lill-Mulej u jsumu, l-Ispirtu s-Santu qalilhom: 'Agħżluli malajr lil Barnaba u lil Sawl għax-xogħol li għalih sejjaħtilhom.' Imbagħad, wara li samu u talbu, qiegħdu idejhom fuqhom u bagħtuhom.

Għalhekk huma, mibgħuta mill-Ispirtu s-Santu, niżlu Selewkja, u minn hemm telqu bil-baħar għal Ċipru. Meta waslu Salamina, bdew ixandru l-kelma ta' Alla fis-sinagogi tal-Lhud. Kellhom magħhom lil Ġwanni jgħinhom. Qasmu l-gżira kollha sa Pafos. Hawnhekk iltaqgħu ma' wieħed Lhudi, jismu Barjesu, saħħar u profeta falz, li kien mal-prokonslu Serġju Pawlu. Dan, raġel mogħni bid-dehen, bagħat għal Barnaba u għal Sawl u ried jisma' minn għandhom il-kelma ta' Alla. Iżda Elima s-saħħar - għax hekk ifisser ismu - waqfilhom u beda jfittex li jbiegħed lill-prokonslu mill-fidi. Mbagħad Sawl, li jismu wkoll Pawlu, mimli bl-Ispirtu s-Santu, waħħal għajnejh fih u qallu: 'Ja bniedem mimli b'kull qerq u ħażen, bin ix-xitan u għadu ta' kull ma hu sewwa, qatt m'int se tieqaf tgħawweġ


*San Pawl*

it-triqat dritti tal-Mulej? Imma issa, ara, id il-Mulej se tilħqek: int tagħma, u għal xi żmien ma tarax id-dawl tax-xemx.' Minnufih waqa' fuqu ċpar u dlam, u beda jdur u jfittex lil min imexxih minn idejh. X'ħin il-prokonslu ra x'ġara, emmen u baqa' mistagħġeb bit-tagħlim tal-Mulej.

Pawlu u sħabu telqu bil-baħar minn Pafos u waslu Perġe fil-Pamfilja. Hawn Ġwanni ħallihom u reġa' lura lejn Ġerusalemm. Minn Perġe baqgħu sejrin sa ma waslu f'Antjokja tal-Pisidja."

## Il-bidu tal-missjoni ta' Pawl u Barnaba

L-Atti tal-Appostli 11,19-26 jirrakkontaw kif il-fidi Kristjana xxandret fost il-pagani u mhux biss fost il-Lhud, u dan fil-belt metropoli ta' Antjokja fis-Sirja, li saret waħda mill-aktar ċentri importanti għat-tixrid tal-Evanġelju. F'din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni kienu strumentali d-dixxipli li emmnu li kienu ġew mill-gżira ta' Ċipru, fosthom Barnaba:

"Dawk li kienu xterdu minħabba l-persekuzzjoni li kienet qamet minħabba Stiefnu waslu sal-Feniċja, sa Ċipru u sa Antjokja, u ma kienu jxandru l-kelma lil ħadd ħlief lil-Lhud biss. Imma xi wħud minnhom kienu minn Ċipru u minn Ċireni, u dawn,



*San Barnaba*

meta ġew Antjokja, bdew ikellmu wkoll lill-Griegi u jxandrulhom l-Evanġelju tal-Mulej Ġesù. U id il-Mulej kienet magħhom u kbir kien il-għadd ta' dawk li emmnu u daru lejn il-Mulej. L-aħbar ta' dan waslet f'widnejn il-Knisja ta' Ġerusalemm, u għalhekk bagħtu lil Barnaba sa Antjokja. Meta dan wasal u ra l-grazzja ta' Alla, feraħ u beda jħeġġiġhom biex jibqgħu b'rieda sħiħa magħqudin fil-Mulej. Għax hu kien raġel tajjeb, mimli bl-Ispirtu s-Santu u bil-fidi. U ġemgħa kbira ta' nies ingħaqdet mal-Mulej. Mbagħad hu telaq lejn Tarsu jfittex lil Sawl, u, meta sabu, ħadu Antjokja. Għaddew sena sħiħa flimkien fil-knisja, u għallmu kotra kbira ta' nies. Kien f'Antjokja li d-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom Kristjani."

Din hi deskrizzjoni mill-isbaħ tal-bidu tal-komunità Kristjana ta' Antjokja, li ma kinitx magħmula biss minn Lhud-Kristjani imma wkoll minn Ġentili-Kristjani, jiġifieri minn Kristjani li kienu kkonvertew mir-reliġjon pagana. Din l-evanġelizzazzjoni fost il-pagani kienet inizjattiva spontanja ta' dixxipli li kienu ġejjin minn Ċipru u minn Ċirene, jiġifieri minn postijiet li fihom

il-Lhud kienu minoranza fost maġġoranza pagana. U kien proprju dan li wassal lill-Appostli f'Ġerusalemm biex jibagħtu f'Antjokja lil Barnaba, li kien levita Lhudi li kkonverta u kien proprju Ċiprijota. Fil-fatt l-Atti tal-Appostli jirrakkontaw il-konverżjoni ta' Barnaba fil-bidunett tal-Knisja ta' Ġerusalemm. Fl-ewwel sommarju dwar il-komunità tad-dixxipli f'Ġerusalemm, San Luqa hekk jiddeskrivi l-vokazzjoni ta' Barnaba f'Atti 4,32-37:

"Il-kotra kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda. Ħadd minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien. B'qawwa kbira l-appostli kienu jagħtu xhieda tal-qawmien tal-Mulej Ġesù, u kulħadd kien iġibhom ħafna. Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn; għax kull min kellu oqsma jew djar kien ibigħhom, u l-flus li jdaħħal minnhom kien imur iqegħedhom f'riġlejn l-appostli. Mbagħad kien jitqassam kollox skont il-ħtieġa ta' kull wieħed. Hekk għamel il-levita Ġużeppi, minn Ċipru, li l-appostli kienu jsejħulu Barnaba, jiġifieri bin il-faraġ; dan kellu għalqa, biegħha, u l-flus li daħħal minnha mar iqegħedhom f'riġlejn l-appostli."

Din is-silta turina l-importanza ta' Barnaba fil-bidunett tax-xandir tal-Evanġelju fost il-pagani. Fil-fatt, f'din il-fażi tat-tixrid tal-bxara t-tajba, Barnaba jidher dejjem bħala l-kbir ħdejn Sawl, li jidħol fix-xena bħala protagonista proprju f'Ċipru. Barnaba kellu isem li jfisser "bin il-faraġ," u jiġi deskritt bħala levita minn Ċipru u raġel "mimli bl-Ispirtu s-Santu u l-fidi." Il-vokazzjoni tiegħu tidher ċara fil-kuntest tat-tqassim tal-ġid tal-ewwel komunità Kristjana f'Ġerusalemm. Barnaba għamel dak li spontanjament kienu jagħmlu l-ewwel Kristjani. Qassam id-dħul mill-bejgħ tal-proprjetà tiegħu u mar iqiegħdu f'riġlejn l-Appostli biex jitqassam lill-fqar. Minn dan il-ġest nifhmu kemm Barnaba kien sar tassew dixxiplu tal-Mulej Ġesù, fuq il-mudell evanġeliku tas-sejħa tal-Appostli u tas-72 dixxipli li Ġesù bagħathom jippridkaw mingħajr ma jkollhom proprjetà.

Il-fatt li Barnaba kien ġej minn Ċipru qiegħdu f'vantaġġ uniku biex imur jara b'għajnejh x'kien qiegħed jiġri fil-Knisja ta' Antjokja. Għalkemm kien Lhudi, anzi kien levita, u naturalment kellu rabta speċjali mal-kult tat-tempju ta' Ġerusalemm, u kien


*Ġewwa l-Knisja ta' Pafos*


*Pawlu u Barnaba ġewwa Listra*

proprju hemmhekk li kkonverta għal Kristu wara li sema' l-Appostli, hu kien ukoll ġej minn gżira pagana. Ċipru kienet gżira li fiha l-Lhud kienu numerużi, billi tinsab qrib ħafna tal-Palestina u l-Libanu, imma fl-istess ħin kienet gżira ta' kultura Ellenika, jew Griega, u kienet ukoll maħkuma mir-Rumani. Għaldaqstant iċ-Ċiprijoti kienu mħalltin u kienu mdorrijin jgħixu bħala soċjetà kosmopolita. Kien għalhekk li l-Appostli minn Ġerusalemm iddeċidew li jibagħtu lil Barnaba sa Antjokja, biex jara b'għajnejh u jagħmel valutazzjoni tal-ħidma missjunarja spontanja ta' dawn id-dixxipli anonimi minn Ċipru u Ċireni li bdew jippridkaw lill-pagani u jikkonvertuhom. Ma ninsewx li, fil-Knisja tal-bidu, kien hemm tensjoni qawwija bejn il-Lhud-Kristjani u l-Ġentili-Kristjani. Għandna eżempji biżżejjed fil-każ tal-konverżjoni ta' Kornelju ċ-ċenturjun wara l-predikazzjoni ta' Pietru, u fil-każ tal-hekk imsejjaħ "konċilju" ta' Ġerusalemm li ddiskuta proprju l-problema tal-pagani mhux ċirkonċiżi li saru Kristjani. Pawlu wkoll kellu jitkellem dwar din il-problema fl-Ittra lill-Galatin, problema li saħansitra wasslitu biex jidħol f'konfront ma' Pietru u biex jiddispjaċih li anke Barnaba beda jċedi lil dan il-grupp ta' Lhud-Kristjani li kienu marbutin ma' Ġakbu, l-ewwel "isqof" ta' Ġerusalemm, u li kienu jirrappreżentaw il-parti l-aktar konservattiva tal-Knisja tal-bidu, marbuta mat-tradizzjonijiet Lhud.

Kien għalhekk li Barnaba mar Antjokja. Imma meta ra b'għajnejh kemm l-id ta' Alla kienet qed taħdem fost il-pagani konvertiti, iddeċieda li jsejjaħ lil Sawl biex jgħinu f'din il-ħidma. Sawl kien jinsab Tarsu fiċ-Ċiliċja. Hu stess jirrakkonta x'kien ġara wara l-konverżjoni tiegħu, meta jikteb lill-Galatin 1, 15-23:

“Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus, minnufih, bla ma qgħadt infittex li nieħu parir mingħand bnedmin tad-demm u l-laħam, bla ma tlajt Ġerusalemm għand dawk li kienu appostli qabli, jien mort fl-Għarabja, u mbagħad erġajt lura lejn Damasku. Imbagħad, tliet snin wara, tlajt Ġerusalemm inżur lil Kefa, u bqajt miegħu ħmistax-il ġurnata; mill-appostli l-oħra ma rajt lil ħadd; iżda rajt lil Ġakbu, ħu l-Mulej. F’dan li qiegħed niktbilkom, nixhed quddiem Alla, minix nigdeb. Mbagħad mort fl-inħawi tas-Sirja u taċ-Ċiliċja. Il-knejjes ta’ Kristu fil-Lhudija kienu għadhom qatt ma raw wiċċi: kienu semgħu biss in-nies jgħidu li: ‘dak li darba kien jippersegwitana, issa qiegħed ixandar il-fidi li darba hu ried jeqred;’ u huma faħħru lil Alla minħabba fija.”

Kien proprju meta Sawl kien jinsab fiċ-Ċiliċja, proprju fil-belt li fiha twieled, Tarsu, li Barnaba ġie jfittxu u niżżlu miegħu fil-belt ta’ Antjokja biex jgħinu fl-evanġelizzazzjoni tal-pagani. Għal sena sħiħa ħadmu flimkien. Anzi, nistgħu ngħidu li Sawl kien sottomess għal Barnaba f’din il-ħidma, hekk li saru kollaboraturi kbar. Kien proprju f’dawn iċ-ċirkostanzi li huma jiġu magħżulin biex, flimkien, imorru fuq vjaġġ missjunarju fost il-pagani, li kellu jeħodhom biex jevanġelizzaw flimkien il-gżira ta’ Ċipru u mbagħad ir-reġjuni tal-altipjan tal-Anatolja fit-Turkija (Perge, Antjokja ta’ Pisidja, Ikonju, Listra u Derbe). Ninnutaw li l-veru protagonista tal-missjoni hu l-Ispirtu s-Santu, li jitkellem fil-komunità u permezz tal-komunità tal-profeti u għalliema li jqiegħdu idejhom fuq Barnaba u Sawl bħala sinjal ta’ komunjoni fil-missjoni li għaliha ġew mibgħuta. Barnaba ħa miegħu lil kuġinuh, Ġwanni Marku (l-evanġelista San Mark) f’din il-missjoni. Nafu li Ġwanni Marku kien kuġin ta’ Barnaba minn Kolossin 4,10: “Isellmilkom Aristarku, fil-ħabs miegħi, u Marku, il-kuġin ta’ Barnaba.” Imwieled f’Ġerusalemm, skont it-tradizzjoni kien bin Marija u kien joqgħod Ġerusalemm, tant li Pietru, wara li nħeles mirakolożament mill-ħabs, mar fid-dar tagħhom fejn kienet miġbura l-komunità tad-dixxipli jitolbu għalih: “Meta għaraf x’kien ġara, (Pietru) telaq lejn id-dar ta’ Marija, omm Ġwanni Marku. Kien hemm ħafna miġbura jitolbu flimkien” (Atti 12,12). Sal-lum il-ġurnata għadha tiġi indikata d-dar ta’ Marija, omm

*Knisja tal-Qabar ta’ San Barnaba, Salamis, Ċipru*



Ġwanni Marku, fil-knisja ta' San Mark tas-Sirjani Ortodossi, qrib il-kwartier Armen ta' Ġerusalemm.

## Barnaba u Sawl f'Ċipru

Huma telqu minn Antjokja u niżlu fil-port ta' Selewkja (illum Çevlik ħdejn Samandak fit-Turkija). Minn hemm huma baħħru fid-direzzjoni tal-lbiċ lejn il-gżira ta' Ċipru. Fil-fatt, id-distanza bejn il-ponta ta' Ċipru hekk imsejħa *Apostolos Andreas* u l-kosta tas-Sirja hi distanza relattivament żgħira (madwar 80 kilometru). Komplew ibaħħru tul ir-ras irqieqa ta' Ċipru hekk imsejħa Penisola ta' Karpasia fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar, sa ma waslu fil-port u l-belt prinċipal tal-kosta orjentali ta' Ċipru ta' dak iż-żmien, il-belt ta' Salamina, jew Salamis. Illum hemm il-fdalijiet ta' din il-belt Griega, xi 6 kilometri 'l fuq minn Famagusta, fil-parti ta' Ċipru li hi okkupata mit-Turkija (ir-Repubblika Torka ta' Ċipru tat-Tramuntana).

Sal-lum il-ġurnata, ftit distanza 'l ġewwa minn Salamina hemm knisja Griega Ortodossa li fiha hemm il-qabar ta' l-Appostlu San Barnaba. Din hi knisja orjentali li għandha żewġ koppli u li taħtha hemm il-kripta fejn hu midfun dan l-Appostlu, li hu meqjus bħala l-patrun ta' Ċipru. Mal-knisja hemm ukoll monasteru Grieg Ortodoss, li llum ma hemmx fih monaċi billi din il-parti ta' Ċipru ġiet okkupata mit-Turkija. Flok il-monasteru hemm mużew ta' oġġetti artistiċi Ċiprijoti li jmorru lura għas-seklu 7. Skont tradizzjoni lokali Barnaba kien spiċċa jevanġelizza Ċipru wara li nfired minn San Pawl, u ġie mmartirizzat mil-Lhud billi ġie mħaġġar fis-sena 61. Ġie midfun f'Salamina fil-moħbi minn kuġinuh Ġwanni Marku, sakemm fis-sena 480 l-Isqof ta' Constantia (Salamis) Anthemios sab il-fdalijiet tiegħu li kellhom fuqhom Vanġelu fil-verżjoni ta' San Mattew. Anthemios ippreżenta dan il-manuskritt tal-Vanġelu lill-Imperatur Biżantin Zeno f'Kostantinopli, u rċieva mingħandu l-privileġġ li jkun arċisqof u li l-Knisja ta' Ċipru tkun indipendenti mis-sede Partrijarkali ta' Antjokja. Dan il-qabar hu llum ċentru ta' devozzjoni mill-Knisja Griega Ortodossa awtoċefala ta' Ċipru, u diversi pellegrini jżuruh.

Barnaba u Sawl, meta kienu Salamina, ippridkaw il-Vanġelu fis-sinagogi tal-Lhud. Nafu li dan kien il-metodu li Pawlu kien



*Il-Qabar ta' San Barnaba*




*Elimas is-saħħar jitlef id-dawl*

juża fil-vjaġġi missjunarji tiegħu. Kien l-ewwel idur fuq in-nies ta' ġensu u jippridkalhom lil Kristu. Meta dawn, kif kien jiġri ta' spiss, kienu jiċħdu l-messaġġ tal-Vanġelu, allura Pawlu kien idur ukoll fuq il-pagani u jippridkalhom. Ir-rakkont ta' Luqa ma għandux dettalji dwar il-waqfa taż-żewġ Appostli Barnaba u Sawlu f'Ċipru. L-Atti jgħidulna biss li "qasmu l-gżira kollha sa Pafos." Pafos hi l-port prinċipali fuq il-kosta tal-punent ta' Ċipru. Mela Barnaba u Sawlu qasmu Ċipru kollu. X'aktarx li għaddew tul il-kosta tan-nofsinhar tal-gżira. Biex jaslu minn Salamina sa Pafos kellhom bilfors jgħaddu minn belt oħra importanti, Kition, illum Larnaca. Kition kienet magħrufa bl-isem Latin ta' Citium, u kienet belt-stat li nbniet fis-seklu 13 q.K. Baqgħet famuża għax fiha twieled Zenon ta' Citium fis-sena 334 q.K. Dan kien il-fundatur tal-iskola Stoica ta' filosofija f'Ateni. Illum Kition għadha teżisti fil-fdalijiet arkeoloġiċi li hemm fil-belt moderna ta' Larnaca. Minn hemm Barnaba u Sawl komplew triqthom tul il-kosta fid-direzzjoni tal-belt moderna ta' Limassol. Ftit kilometri lejn il-punent ta' Limassol hemm fdalijiet ta' belt oħra importanti Griega, Kurion, bil-Latin Curium, belt-stat importanti fil-kosta tal-lbiċ ta' Ċipru. L-akropoli ta' Kurion, xi 1.3 km bogħod minn Episkopi, għadha tidher fuq promontorju li jixref fuq il-baħar tal-bajja ta' Episkopi. Għalkemm l-Atti ma jsemmux lil Kition u lil Kurion, ma hemmx dubju li Sawl u Barnaba waqfu f'dawn il-bliet importanti biex jevanġelizzaw, għax bilfors kellhom jgħaddu minnhom biex jaqsmu l-gżira ta' Ċipru mil-lvant għall-punent.

Fl-aħħar waslu fid-destinazzjoni finali tagħhom fuq il-gżira, il-belt u port ta' Pafos, fuq il-kosta tal-punent ta' Ċipru. Hu f'Pafos li Luqa jieqaf biex jirrakkonta fatt importanti li iddetermina

r-rwol ta’ Sawl fil-missjoni li kien qiegħed jaqsam ma’ Barnaba. Pafos kienet waħda mill-eqdem bliet ta’ Ċipru. Kienet abitata sa minn żminijiet Neolitiċi. L-isem tagħha fl-antikità kien Kouklia. Il-belt kienet iċ-ċentru tal-kult pagan lejn l-alla Afrodite, l-alla mara Griega tal-imħabba u l-fertilità. Il-Griegi kienu jemmnu li Afrodite twieldet fil-baħar qrib Pafos, u sal-lum it-turisti jintwerew blata msejħa appuntu l-Blata ta’ Afrodite, fuq il-kosta bejn Limassol u Pafos moderna, li timmarka l-post tat-twelid ta’ din l-alla femminili.

F’Pafos Sawlu sab lill-Prokonslu Ruman, Lucius Sergius Paulus, li kien Prokonslu ta’ Ċipru fi żmien l-Imperatur Claudius. Pafos, mela, kienet il-belt prinċipali ta’ Ċipru, minħabba l-fatt li kienet port importanti li wieħed kien isibu malli jersaq lejn il-gżira mill-punent. Il-quċċata tal-ħidma ta’ evanġelizzazzjoni ta’ Barnaba u Sawl tidher meta saħansitra l-Prokonslu bagħat għalihom u ried jisma’ minn fommhom l-aħbar it-tajba tal-Vanġelu. Dan il-fatt juri li l-missjoni ta’ Barnaba u Sawl kienet waħda pubblika u intensa, li ma kinitx biss ristretta għal-Lhud li kienu jgħixu f’Ċipru, imma li kienet ukoll indirizzata lejn il-pagani. Kien proprju quddiem Serġju Pawlu li jseħħ il-fatt li jimmarka l-awtorità ta’ Sawl-Pawlu darba għal dejjem fil-missjoni tax-xandir tal-Vanġelu.

Fost is-segwaċi tal-Prokonslu niltaqgħu ma’ figura ta’ raġel jismu Barjesu, jew ukoll Elimas, li Luqa

*Knisja ta’ Agia Kyriaki Chrysopolitissa, Pafos*



jgħidilna li kien saħħar. F'kelma oħra, niltaqgħu mal-element djaboliku tal-okkult li l-Kristjaneżimu ħabbat wiċċu miegħu sa mill-bidunett. Dan is-saħħar kien Lhudi u ismu kien Barjesu, li letteralment ifisser "Bin Yeshoah" jew ukoll "Bin is-Salvatur". Dan l-isem kien Lhudi, imma bħal-Lhud l-oħrajn li kienu jgħixu fid-djaspora, Barjesu kellu isem Grieg, li kien Elimas, u li Luqa jgħidilna li kien jindika l-fatt li kien saħħar. Ma nafux eżattament minn fejn ġej dan l-isem Elimas. Ħafna kummentaturi moderni jgħidu li Elimas hi kelma Għarbija, li tfisser Għaref. Imma hu ovvju li l-Għarbi ma kienx ilsien li kien jintuża komunement f'Ċipru. Hemm xi studjużi li jsostnu li anke l-isem Elimas għandu għerq Lhudi. Forsi hu forma ellenizzata, jiġifieri Griega, tal-kelma Elimah, jew inkella hu traslitterazzjoni ta' isem Lhudi, tant li l-ewwel sillaba hi magħmula minn El, il-kelma Lhudija li hi abbrevjazzjoni ta' Elohim.

Hu x'inhu għalina jinteressana l-fatt li Elimas kien beda jikkuntradixxi dak kollu li kienu jgħallmu Barnaba u Sawl, l-aktar quddiem il-Prokonslu. L-element negattiv u djaboliku ta' dan is-saħħar jidher ċar fil-fatt li hu jopponi t-tixrid tal-Vanġelu, li juża l-gideb u l-qerq biex jikkuntradixxi l-verità. Is-sinjal kien ċar. Hawnhekk jidħol fix-xena Sawl.

Luqa jurina, għall-ewwel darba fl-Atti, li Sawl jieħu inizjattiva b'awtorità, hekk li Barnaba jibda jersaq fit-tieni post. Fuq kollox jispjega li l-isem semitiku Sawl beda jinbidel f'dak Ruman Pawlu, biex hekk tibda toħroġ il-fiżjonomija tipika tal-Appostlu tal-ġnus. Pawlu jiġi ppreżentat bħala dak li hu mimli bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, u b'din l-istess qawwa hu jċanfar lil Elimas, jew aħjar, lill-ispirtu ħażin li kien qiegħed jinqeda b'Elimas, u jazzarda jheddu b'kastig minn Alla talli pprova jwaqqaf il-ħidma tal-Appostli.

Is-sinjal li jagħti Alla permezz ta' Pawlu kien li Elimas tilef id-dawl, imma mhux għal dejjem. Pawlu, fil-fatt, jinsisti: "id il-Mulej se tilħqek: int tagħma, u għal xi żmien ma tarax id-dawl tax-xemx." Kien dan is-sinjal, interpretat ċertament bħala kastig divin, imma wkoll bħala azzjoni providenzjali ta' Alla, li wassal lill-Prokonslu Serġju Pawlu biex jilqa' l-fidi Kristjana mxandra mill-Appostli.

Dawk li jżuru Pafos antika jaraw qrib il-knisja ta' Agia Kyriaki Chrysopolitissa kolonna żgħira ta' rħam abjad, li tissejjaħ appuntu "kolonna ta' San Pawl." Hemm tradizzjoni li tgħid li kien ma' dan il-plier li Pawlu ġie marbut u mogħti l-erbgħin daqqa nieqes waħda tas-swat mil-Lhud. Dan il-fatt, li naturalment ma jsibx konferma f'dak li naqraw fl-Atti, hu sinjal ta' oppożizzjoni Lhudija għall-predikazzjoni tal-Vanġelu f'Ċipru. Pawlu kellu jkompli jsofri dan it-tip ta' persekuzzjoni kull fejn hu kompla bix-xandir tal-bxara t-tajba, sa mill-ewwel vjaġġ missjunarju tiegħu f'Antjokja ta' Pisidja, Ikonju, Listra u Derbe. Skont arkeoloġi din il-kolonna tinsab f'żona li fiha x'aktarx kien hemm jew xi tempju Ruman jew inkella xi *forum* jew il-pjazza tas-suq tal-belt Rumana.

Il-knisja Kattolika ta' Agia Kyriaka Chrysopolitissa hi mibnija fuq il-fdalijiet ta' bażilika antika Biżantina tas-seklu 5, u kienet l-ewwel katidral ta' Pafos. Għalkemm ġiet meqruda mill-Għarab u forsi anke mit-terremot tas-sena 685, din il-knisja reġgħet inbniet kif inhi llum qrib is-sena 1500. Hi knisja ħelwa b'kampnar żgħir u koppla u fiha jitolbu mhux biss il-Kattoliċi imma anke l-Anglikani ta' Pafos. Il-knisja kien żarha l-Papa Benedittu XVI meta kien mar Ċipru u fiha għamel ċelebrazzjoni ekumenika nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju 2010.

Il-missjoni ta' Pawlu u Barnaba f'Ċipru ntemmet hawnhekk f'Pafos, minn fejn telqu bil-baħar lejn l-Asja


*Kolonna ta' San Pawl f'Pafos*

Minuri. Imma ma kellhiex tintemm f'dik l-okkażjoni. Nafu li, meta Pawlu stieden lil Barnaba biex imur miegħu għat-tieni vjaġġ missjunarju, dan ried jieħu miegħu lil Ġwanni Marku. Pawlu ma riedx, għax ma kienx aċċetta l-fatt li Marku kien abbandunahom waqt l-ewwel vjaġġ. Dan id-disgwid wassal biex Barnaba rritorna Ċipru darba għal dejjem u hemm temm il-ministeru apostoliku tiegħu. Dan il-fatt nafuh mill-istess Atti tal-Appostli 15,36-39: "Ftit taż-żmien wara, Pawlu qal lil Barnaba: 'Ħa nerġgħu mmorru nżuru l-aħwa fil-bliet kollha li fihom xandarna l-kelma tal-Mulej, u naraw kif huma sejrin.' Barnaba ried li magħhom jieħdu wkoll lil Ġwanni, jgħidulu Marku. Imma Pawlu deherlu li ma kellhomx jieħdu magħhom wieħed li, meta kienu fil-Pamfilja, telaqhom u ma marx magħhom għax-xogħol. Kellhom xi jgħidu sewwa, hekk li nfirdu minn xulxin. Barnaba ħa miegħu lil Marku u telaq bil-baħar lejn Ċipru."

B'hekk il-gżira ta' Ċipru baqgħet marbuta mal-figura ta' dawn iż-żewġ Appostli kbar. Ċertament Pawlu kien strumentali biex il-fidi Kristjana tixtered f'Ċipru waqt l-ewwel vjaġġ missjunarju tiegħu, imma bir-raġun l-unur jieħdu Barnaba, għax kien hu li kompla sal-aħħar il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni mibdija minn Pawlu, u ssiġilla x-xhieda tiegħu bil-martirju li sofra fil-gżira ta' twelidu.

Il-figura ta' Barnaba bħala Appostlu jixirqilha li tkun aktar magħrufa. Kien Barnaba li minn Ċipru għadda Ġerusalemm, u mir-reliġjon Lhudija qaleb għal dik Kristjana. Kien hu li ta xhieda ta' karità quddiem l-Appostli u li jiġi deskritt bħala raġel mimli bl-Ispirtu s-Santu u l-fidi. Kien Barnaba li ħoloq il-pont bejn il-Lhud-Kristjani u l-Ġentili-Kristjani fil-metropoli ta' Antjokja. Fuq kollox kien Barnaba li introduċa lil Sawl minn Tarsu fil-Knisja ta' Antjokja, li fiha għall-ewwel darba d-dixxipli bdew jissejħu Kristjani. U kien Barnaba li ħa lil Sawl f'Ċipru biex minn Sawl li kkonverta fit-triq ta' Damasku jagħmlu Pawlu x-xandar kuraġġuż tal-Vanġelu fost il-pagani. Tassew li ċ-Ċiprijota Barnaba jistħoqqlu t-titlu ta' patrun ta' din il-gżira li għandha għeruq profondi Kristjani sa minn żminijiet l-Appostli.




# IL-KTIEB TA' BIN SIRA

***Fr Charles Buttigieg***

*"Il-biża' tal-Mulej hu glorja u kburija, hu ferħ u kuruna ta' hena. Il-biża' tal-Mulej iferraħ il-qalb, u jnissel ferħ, hena u ħajja twila." (Bin Sira 1:11-12)*

## Il-Ktieb ta’ Ben Sira

Dan huwa wieħed mill-Kotba tal-Għerf li huwa importanti ħafna. Tant kien importanti fil-bidu tal-Knisja li kien jintuża fil-katekeżi u fit-tagħlim morali. Fih tagħlim għal kull persuna ta’ kull età speċjalment għaż-żgħażagħ biex isibu l-gwida tat-tagħlim f’ħajjithom. Dan il-ktieb tal-knisja kien jintuża ħafna fil-liturġija speċjalment fil-liturġija tal-kelma ta’ Alla, u użat fl-istruzzjoni lill-katekumeni. U għalhekk jissejjaħ ukoll bl-isem tal-Ekklesjastiku, *liber Ecclesiasticus* kif sejjaħlu San Ċiprijanu f’nofs it-tielet seklu. Il-Lhud isejħulu *Sefer Musar* għaliex iħarsu lejh bħala ktieb tad-dixxiplina. Il-ktieb huwa msejjaħ għan-nannu tal-awtur li kien jismu ‘Sira’; bil-Lhudi: ‘Sira’ u bil-Grieg ‘Sirach’ u għalhekk fil-Malti ‘Sirak’, iżda fl-oriġinal huwa ‘Sira’. Il-Lhud u l-Protestanti ma aċċettawhx bħala ktieb ispirat.

## L-Awtur tal-Kbieb

Proprjament il-kittieb kien Ġesù *Jesugha* bin Eleażar Bin Sira. Mela suppost insejħu l-ktieb bħala ta’ Iben Bin Sira. Kien bniedem għaref ħafna, kien jgħix f’Ġerusalemm fejn aktarx kien fetaħ skola għall-istudenti u d-dixxipli tiegħu. Huwa kiteb il-ktieb bil-Lhudi għall-ħabta tas-sena 180 Q.K. Illum għandna madwar żewġ terzi misjubin ta’ dan it-test Lhudi. In-



neputi kien għamel traduzzjoni bil-Grieg madwar xi ħamsin sena wara ġewwa l-Eġittu. Ħafna verżjonijiet huma bbażati fuq din it-traduzzjoni Griega li mhix l-oriġinali. Żgur li l-ktieb oriġinali nkiteb qabel il-gwerra tal-aħwa Makkabin għaliex il-ktieb isemmi żmien ta' ċerta armonija minkejja li kien hemm l-influwenza ġdida, dik ellenistika, jiġifieri l-influss tal-kultura Griega fuq il-Ġudaiżmu. Dak in-nhar l-art ta' Ġuda kienet tinsab taħt il-ħakma tas-slaten Selewkin u ħafna Lhud kienu qegħdin jinġibdu lejn it-tagħlim u d-drawwiet Griegi. Il-Griegi kienu mkabbrin bl-għerf li kellhom iżda Bin Sira saħaq li kull għerf ġej minn Alla: "Kull għerf ġej mingħand Alla u qiegħed dejjem miegħu" (1:1).

## Messaġġ tal-Ktieb

Il-ktieb, wara d-daħla, fih ħafna twissijiet biex wieħed jgħix ħajja retta u tajba 'l bogħod minn dak li hu ħażin (minn kap 2 sa 42), imbagħad għandu serje ta' kapitli li fihom kliem ta' tifħir lil diversi persunaġġi tal-Antik Testment u qassisin ta' Israel (kap 42 sa 50). Fl-aħħar hemm twissija oħra u talba fil-kapitli 50 u 51.

It-tagħlim l-iktar importanti huwa dwar il-bidu tal-għerf u l-biża' ta' Alla: "Il-biża' tal-Mulej hu glorja u kburija, hu ferħ u kuruna ta' hena. Il-biża' tal-Mulej iferraħ il-qalb, u jnissel ferħ, hena u ħajja twila (1:11-12). L-għerf bħal missier jgħallem lil uliedu u jurihom it-triq tas-sewwa u dik ġusta: "L-Għerf igħallem lil uliedu u jwissi lil dawk li moħħhom fih" (4:11). Dan hu l-veru għerf li għandu jimxi warajh il-bniedem "min jobgħod it-twiddib miexi fi triq il-midneb, iżda min jibża' mill-Mulej jerġa' lejh bil-qalb" (21:6). Min iħobb tassew lil Alla jaħrab id-dnub u bħala ħlas ikollu ħajja twila mimlija ġieħ u hena. Il-liġi ta' Alla hi bħad-dawl li tmexxi lill-bniedem lejn il-għerf veru. Li wieħed josserva l-kmandamenti huwa verament għerf ta' Alla għaliex din hija r-rieda tiegħu: "Uliedi isimgħu minni, jien missierkom; agħmlu kif ngħidilkom jien biex issalvaw"(3:1). Alla hu Missier li għandna dejjem inħarsu lejh u nitolbuh bħala missier tagħna. Huwa Alla li lest li jaħfer id-dnubiet tagħna. Fost id-dnubiet Bin Sira isemmi: l-injoranza, il-gideb, id-dagħa, t-tbaħrid, l-adulterju, il-qtil, is-serq, l-għira u r-regħba: "Hemm kliem li jwassal fil-mewt; mhux li qatt ma jinstab f'nisel Ġakobb!" (23:12).

L-imħabba lejn Alla tidher ukoll fl-għajnuna li wieħed jagħti lil min hu fil-bżonn. Bin Sira juri l-ġid li joħroġ mill-karità; bħalma l-ilma jitfi in-nar hekk il-karità tpatti għad-dnubiet: "L-ilma jitfi n-nar iħeġġeġ, u l-karità tħallas għad-dnub" (3:30).

Biex inħobbu lil Alla mhux biżżejjed li mmorru fit-tempju u noffrulu l-vittmi fuq l-artal, l-ewwel jeħtieġ li nobdu l-liġi tiegħu. L-isbaħ sagrifiċċju li tista' toffri lill-Mulej hija ħajja tajba, ħajja mfassla fuq il-ħarsien tal-kmandamenti: "Min iħares il-liġi jkun qed



jagħti ħafna għotjiet u min moħħu fil-kmandmenti jkun qed jagħmel debħa tas-sliem" ((35:1).

Għalhekk kif nistgħu naraw it-tagħlim ta' Jesugħa bin Eleażar bin Sira huwa tagħlim dejjem attwali u jolqot lil kull nisrani miexi wara Ġesù.

## Bibliografija


**Adams, Samuel L.** *Wisdom in Transition: Act and Consequence in Second Temple Instructions.* Supplements to the Journal for the Study of Judaism 125. Leiden 2008.

**Dihi, Haim**. "Amoraic Hebrew in the Light of Ben Sira's Linguistic Innovations.", in *Conservatism and Innovation in the Hebrew Language of the Hellenistic Period: Proceedings of a Fourth International Symposium on the Hebrew of the Dead Sea Scrolls & Ben Sira*, ed. Jan Joosten and Jean-Sébastien Rey, Studies on the Texts of the Desert of Judah 73. Leiden 2008, 15-27.

**Peursen, Wido Th. van**. "Review: Pancratius Beentjes, *'Happy the One who Meditates on Wisdom' (Sir. 14,20): Collected Essays on the Book of Ben Sira."* *Journal for the Study of Judaism* 39/1 (2008) 90-92.

**Egger-Wenzel, Renate**. "Ein neues Sira-Fragment des MS C." *Biblische Notizen* 138 (2008) 107-114.

**Winter, Michael M.** "Theological Alterations in the Syriac Translation of Ben Sira." *Catholic Biblical Quarterly* 70/2 (2008) 300-312.

**Klawans, Jonathan**. "Sadducees, Zadokites, and the Wisdom of Ben Sira.", in *Israel's God and Rebecca's Children; Christology and Community in Early Judaism and Christianity. Essays in Honour of Larry W. Hurtado and Alan F. Segal*, ed. David B., Waco, Tex 2007, 261-275.



# IL-KOMPASSJONI TA' ALLA

*Mons Lawrenz Sciberras*

Fi Kristu, il-Kelma *logos*, saret laħam, ir-realtà umana ġiet imgħanqa mill-Imħabba. Huwa ma staħax isejjaħ lilna ħutu (Lhud 2,11-13), u dan l-aktar meta konna miġruħin bid-dnub. Il-wegħda tal-profeta l-ġdid hija mwettqa f'Ġesù. Fih twettaq dak li għal Mosè kien possibbli imma biss parzjalment. Huwa (Ġesù) jgħix quddiem il-wiċċ ta' Alla mhux biss bħala ħabib,



imma bħala IBEN: huwa jgħix f'għaqda l-aktar profonda mal-Missier.

## Tkun vulnerabbli

Ta' sikwit wieħed jaħseb li tkun vulnerabbli dan għandu x'jaqsam mad-dgħjufija tal-persuna. B'dan il-kwalità ta' raġunament il-vulnerabilità tkun ta' kaġun biex wieħed jiġi affettwat minn persuni, ġrajjiet u ċirkustanzi mingħajr ebda kontroll fuqhom.

Mentri l-veru sens ta' vulnerabilità tfisser il-qalb miftuħa beraħ ta' bniedem biex jgħin, jagħder u jħenn għall-oħrajn, u dan mingħajr ebda preferenza u riservi.

Fi kliem uman ifisser li tkun vulnerabbli suġġett għal ġrajjiet u persuni li jaffettwawna għal dak li huwa tajjeb jew anqas tajjeb.

Fuq l-aktar livell fundamentali, ikollna ngħidu illi li tkun vulnerabbli dan jilgħab parti l-aktar essenzjali fil-ġisem. Ġisimna huwa tassew dgħajjef u dan għaliex ikollu iħabbat wiċċu mal-mard, mal-uġigħ, mat-tbatija u fl-aħħar mal-mewt. Din tal-aħħar żgur li ma taħfirha lil ħadd. Ikun kemm ikun b'saħħtu l-bniedem, dejjem hemm is-sinjali ta' kemm hija fraġli l-ħajja. Minkejja li fl-età żagħżugħa toħroġ fil-beraħ kull forma ta' propaganda favur kuntentizza sħiħa, ħadd ma jista' jevita l-limitazzjonijiet tiegħu personali.

## Ġesù jiċċekken

Wieħed għandu jagħmel ħiltu biex jagħraf it-tifsira tad-dgħjufija tal-bniedem fid-dawl tal-ħajja nisranija u speċjalment l-aktar meta jiftakar fit-tfulija, agunija, passjoni u mewt ta' Ġesù. Dan il-misteru jidher qawwi ħafna meta Ġesù xejjen lilu nnifsu, tbattal minn kollox u refa' fuqu l-mard u l-kundizzjoni umana tagħna l-bnedmin. Hekk Ġesù sar tassew ikona tal-imħabba ta' Alla Missieru. Meta Ġesù ċċekken daqshekk huwa ċaħad u rrifjuta s-setgħa tiegħu, l-qawwa tiegħu. Minflok Ġesù ħaddan d-dgħjufija u l-fraġilità sħiħa kollha. Tant iċċekken li qaghad ġo maxtura!!

Is-sinjurija ta' Kristu, il-qawwa tiegħu ġiet mikxufa meta hu battal għal kollox lilu nnifsu. Il-fatt li Ġesù warrab kull setgħa ta' din id-dinja, aċċetta l-kundizzjoni umana, dan kollu għenu sabiex jidħol u jilqa' l-ħajja tal-oħrajn fl-aktar waqt vulnerabbli tagħhom. Dan huwa totalment differenti minn kull qawwa tad-dinja.

Din hija tassew qawwa ta' tarbija mwarrba u li twieldet f'Betleħem, ta' wieħed imsallab imma li kontinwament ixandar il-ħniena. Il-qawwa ta' din l-umiltà fi grad hekk

għoli turi lilha nnifisha fil-vulnerabiltà, fl-attenzjoni, kompassjoni, ċaħda, reċiproċità u għajnuna lejn xulxin.

Li tkun dgħajjef ifisser li tkun fil-bżonn, li tkun tiddependi fuq l-oħrajn, kif ukoll fuq Alla. Hemm bżonn li wieħed jifhimha sew li s-saħħa, is-setgħa, u l-istess ħajja ma ġibthomx int, imma huma r-rigal ħanin tal-ħallieq divin. Dan kollu huwa kemm għall-ġid tal-individwu kif ukoll għat-tifħir u radd il-ħajr lil Alla.

Wieħed għandu jifhem il-fraġilità bħala dik il-kapaċità li tkun aktar dispost biex tgħin lill-oħrajn, tkun miġbud mill-oħrajn. Hija dik id-dgħjufija li tgħin lil wieħed jidħol f'relazzjonijiet ma' oħrajn, u fl-istess waqt tagħraf id-dgħjufija u l-bżonn tagħhom. Il-fraġilità tenħtieġ integrità u qawwa biex tirriskja l-uġigħ enormi, tissaporti l-piż ta' l-aktar siegħa mudlama, ċaħda u qerq. Teżiżti dik il-qawwa sħiħa biex tinfetaħ għall-oħrajn u dan sabiex tħossok inti stess qed tbati.

Id-dgħjufija titlob minnek dik ir-rieda biex tiċċaħħad minnek innifsek, li tiġġenneb għall-ġid tal-oħrajn. Fuq kollox din il-fraġilità għandha twasslek biex tmut għalik innifsek ħalli hekk jgħixu oħrajn. Dan qalu b'mod ċar Ġesù: "Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' waħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott" (Ġw 12,24)

## Il-kompassjoni tal-Missier

F'Ġesù Kristu magħmul bniedem aħna naraw il-kompassjoni tal-Missier. Il-kelma "kompassjoni" qed tirreferi għall-qalba ta' dak li wieħed ikun qed iħoss; aħna ġeneralment naħsbu fil-qalb. L-ilsien Lhudi l-kelma "kompassjoni" tesprimi sew dak li wieħed ikun qed iħoss u dak li jkun qed iġarrab ma' ħaddieħor. Hawn huwa l-qofol u l-misteru ta' din il-verità.

Huma preċiżament l-ommijiet li jgħaddu minn dan l-aġir ta' rabta; dan iġarrbuh fil-vixxeri tagħhom, fil-ġuf tagħhom, fl-intern intimu tagħhom. Fil-lingwa Lhudija kemm għall-kelma ġuf tal-mara, kif ukoll għall-kelma kompassjoni hemm l-istess għerq, r-h-m tal-kelma, li tfisser miżerikordja, ħniena.

Iżda dik l-intimità fiżika li jkollha l-omm mat-tarbija tagħha hija l-ewwel u l-aqwa xebh ta' kompassjoni li hemm bejn Alla l-Missier





u ibnu Ġesù. Li titkellem dwar il-kompassjoni ta' Alla qisek qed titkellem ukoll mill-ġuf, liema ġuf jitriegħed meta jara t-tifel li ssawwar fih qed ibati. Ir-rabta fiżika u psikoloġika tal-omm ma' binha twassal biex wieħed jifhem dejjem aktar dik il-kompassjoni, ħniena u miżerikordja ta' Alla. Il-Konċilju ta' Toledo fis-sena 675 tkellem mill-"ġuf tal-Missier".

B'dan ir-raġunament, wieħed issa jista' jifhem aktar il-kompassjoni bħala dik il-kapaċità li tiġbdek u tmexxik lejn il-fraġilità, d-dgħjufija, u t-tbatija tal-ieħor. Hija dik il-ħila li tmieri u tfieri lilek innifsek sa dak il-punt li tirriskja li titlef kollox għall-ġid tal-ieħor.

Il-kompassjoni titlob moviment, ċaqliqa ġeneruża lejn l-ieħor biex hekk tkun tista' tgħinu. Iżda tibni wkoll moviment ta' parteċipazzjoni fl-esperjenzi tal-ieħor u hekk tkun preżenti u dispost b'mod attiv mal-oħrajn! Il-kompassjoni titlob sensibilità ma' dak li huwa dgħajjef u ferut kif ukoll li tissieħeb mal-uġigħ tal-ieħor. Titlob ukoll li tieħu azzjoni biex ittaffi u sserraħ t-tbatija u l-uġigħ. Li tħoss tassew il-kompassjoni għandek turiha, permezz ta' atti tanġibbli ta' ħniena, tjubija u sabar! Eżempju klassiku huwa l-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb (Lq 10,25-37).

## Qalb ta' Missier

Għalkemm din l-immaġni ta' kompassjoni hija waħda ta' omm, b'daqshekk wieħed qatt ma għandu jaħseb li din hija xi ħaġa li tappartjeni biss għall-ommijiet jew għan-nisa. Il-kompassjoni tħaddan fiha wkoll il-qalb tal-missier. Hekk hemm fis-salm 103,13: "Bħalma jħenn il-missier għal uliedu, hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu". Din il-kompassjoni tidher sew ukoll ħierġa mill-qalb ta' wieħed mill-aħwa. Hekk Ġużeppi intrebaħ mill-ħniena lejn ħuh iż-żgħir Benjamin (Ġen 43,30).

Il-kompassjoni hija tjubija lesta li tidher fl-azzjoni. Hija att li tfittex bil-galbu kollu biex tfejjaq quddiem xi traġedja, biex ittawwal il-maħfra, u tinsa faċilment il-ħtijiet ta' ħaddieħor. Fit-Testment il-Ġdid naraw kif il-kompassjoni ta' Alla dehret fit-twelid, fil-predikazzjoni u fil-fejqan ta' Ġesù kif ukoll xejn anqas fl-attenzjoni lejn l-umanità mitlufa. Iżda l-aqwa u l-ogħla kompassjoni ta' Ġesù dehret fil-għotja sħiħa tiegħu innifsu fuq is-salib, vittma offruta lil Alla Missier. Għalhekk mela s-segwaċi ta' Ġesù għandhom jgħixu u jipprattikaw ħajja ta' kompassjoni u miżerikordja msawba fi qlubhom mill-Ispirtu ta' Alla l-Missier ma' kulħadd, mingħajr ebda għażla ta' persuna minn oħra.

# L-EŻORĊIŻMI TA' ĠESÙ FIL-VANĠELU SKONT SAN MARK (4)



*Marcello Ghirlando OFM*

"Il-Bidu tal-Evanġelju ta' Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla…". Hekk jibda b'mod sempliċi, imma fl-istess ħin inċisiv, il-Bxara t-Tajba tiegħu l-Evanġelista San Mark. U tabilħaqq! Il-kitba tiegħu kellha l-intenzjoni li tkun fil-veru sens tal-kelma 'Bxara Tajba'.

Nistgħu ngħidu li l-kitba ta' San Mark fil-fatt kellha l-intenzjoni li tikkumbatti d-delużjoni ta' l-Insara ta' żmienu li ftit jew wisq ħassewhom mitlufin f'dinja fejn il-forza kienet bħal donnha dejjem rebbieħa. Inġibu quddiem għajnejna l-kuntest storiku li fih inkiteb dan il-Vanġelu: hija s-sena 64 WK. Wara l-ħruq ta' Ruma, l-Imperatur Neruni tefa' l-ħtija fuq l-Insara. Pietru u Pawlu ġew maqtula fil-persekuzzjoni. Dan kollu ħoloq delużjoni fil-komunità nisranija, komunità li kienet twieldet fil-ferħ u fit-tama, hija u tistenna l-miġja glorjuża ta' Kristu. Issa bħal donnu kollox kien spiċċa fix-xejn!

Hu f'dan iż-żmien li San Mark jikteb il-Vanġelu tiegħu. L-intenzjoni tiegħu ma kenitx tant li jagħtina l-istorja ta' Ġesù, imma



li jħabbar Bxara Tajba. Qisu ried igħaddi dan il-messaġġ radikali lill-Insara ta' żmienu: 'Jekk intom tistagħġbu bid-diffikultajiet tagħkom, dan ifisser li intom għadkom ma fhimtux min hu verament Ġesù. Intom ma fhimtux tajjeb in-natura tas-setgħa tiegħu: ir-regalità tiegħu, id-divinità tiegħu ma ntwerewx fil-glorja, imma biss fil-Passjoni tiegħu. Huwa fil-Passjoni tiegħu li aħna nistgħu nagħrfu l-qawwa ta' Alla li ġie biex jagħti sens lil dinja mogħtija għall-mewt. Mela ifhmu b'ħajjitkom min hu verament Ġesù u kunu xhieda tiegħu fid-dinja.'

Hu proprju f'dan id-dawl li nistgħu ngħidu li għalhekk l-Evanġelju, il-Bxara t-Tajba skont San Mark, hija fil-fatt kitba/esperjenza li trid tagħmel lill-qarrej mistoqsija, 'Min hu Ġesù?'; u bil-kitba/esperjenza tagħti wkoll it-tweġiba ċara: 'Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!' (Mk 15:39).

## Ir-raba' eżorċiżmu ta' Ġesù

Dan kollu jidher ukoll fir-rakkont tar-raba' eżorċiżmu solenni ta' Ġesù fil-Vanġelu skont San Mark. Hekk fil-fatt jirrakkonta l-Evanġelista: "Meta reġgħu ġew ħdejn id-dixxipli l-oħra, rawhom b'kotra kbira ta' nies madwarhom, u xi kittieba jitlewmu magħhom. In-nies, kif rawh, lkoll stagħġbu ħafna u ġrew lejh biex



isellmulu. U hu staqsihom: «Fuqhiex qegħdin titlewmu magħhom?» U wieħed mill-kotra qallu: «Mgħallem, ġibtlek lil ibni għax għandu spirtu mbikkem. U kull fejn jaħkmu jsabbtu ma' l-art u hu joħroġ ir-ragħwa minn ħalqu, jgħażżeż snienu u jibbies. Għedt lid-dixxipli tiegħek biex ikeċċuh minnu, u ma kellhomx ħila.» «Ja nies bla fidi» qalilhom Ġesù, «kemm se ndum magħkom? Kemm se ndum nissaportikom? Ġibuhuli quddiemi.» U ressquhulu quddiemu. L-ispirtu, malli lemaħ lil Ġesù, beda jħabbtu 'l hawn u 'l hemm bir-ragħwa f'ħalqu. «Xi kemm ilu jagħtih hekk?» staqsa Ġesù lil missieru.»Minn ċkunitu,» qallu, «u sikwit ġie li tefgħu fin-nar u fl-ilma biex jeqirdu. Imma int, jekk tista' tagħmel xi ħaġa, għinna u ħenn għalina!» «Jekk tista'!» qallu Ġesù. «Kollox jista' jkun għal min jemmen!» Missier it-tifel minnufih beda jgħajjat u jgħidlu: «Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!» Ġesù, meta ra l-kotra tiżdied, hedded bl-aħrax lill-ispirtu ħażin u qallu: «Ja spirtu mbikkem u trux, jiena nordnalek: oħroġ minnu, u la terġax tidħol fih, qatt iżjed!» U filwaqt li qabad jixher u jħabbtu ħafna, ħareġ minnu, u t-tifel inxteħet għal mejjet, hekk li l-kotra tan-nies bdiet tgħid: «Miet!» Imma Ġesù qabdu minn idu u qajmu, u hu waqaf fuq saqajh. Meta mbagħad Ġesù raġa' daħal id-dar, id-dixxipli tiegħu staqsewh rasu u rashom: «Għaliex ma rnexxilniex inkeċċuh?» «Spirtu bħal dak,» qalilhom, «ma jista' jitkeċċa b'xejn ħlief bit-talb.»

Din is-silta evanġelika, sabiħa u drammatika fl-istess ħin, silta li terġa' toħroġ għad-dawl il-qawwa tal-kelma ta' Ġesù u l-fidi ta' missier fih, hija mdawla qatigħ mill-misteru tat-Trasfigurazzjoni li jseħħ ftit qabel (Mk 9:2-28). Hija silta mdawla mhux biss b'din il-ġrajja li Ġesù jgħix biex jgħaddi kelma ta' kuraġġ lill-appostli tiegħu wara l-ewwel tħabbira tal-passjoni tiegħu (9:31-32), passjoni li qajla fehmu u li Pietru oppona (9:33), imma wkoll rivelazzjoni tal-glorja tiegħu msejsa mill-kelma tal-Missier: "Dan hu ibni l-għażiż, isimgħu lilu". Kelma mlaqqma fix-xhieda ta' Mosè u Elija. Ġrajja li tħejji għall-qawwa ta' Ġesù fil-ħelsien li joffri lil tifel u li mbagħad twassal għat-tieni tħabbira tal-mewt u l-qawmien: "Telqu minn hemm u għaddew minn nofs il-Galilija, u ma ried li ħadd ikun jaf, għax beda jgħallem lid-dixxipli tiegħu



u jgħidilhom: ‘Bin il-bniedem se jingħata f’idejn il-bnedmin u joqtluh; u meta jkun maqtul, wara tlitt ijiem iqum mill-mewt’. Iżda huma ma fehmuhx dan il-kliem u beżgħu jistaqsuh” (Mk 9:30-32).

## Trasfigurazzjoni

Skont is-silta evanġelika Ġesù jinżel mill-muntanja ma’ Pietru, Ġakbu u Ġwanni. Jiltaqgħu mad-dixxipli li kienu ma’ kotra kbira ta’ nies madwarhom, jitlewmu ma’ xi kittieba. Għad-dehra ta’ Ġesù, li kien qisu Mosè nieżel mill-muntanja bil-glorja ta’ Alla għadha tiddi f’wiċċu, “in-nies, kif rawh, lkoll stagħġbu ħafna u ġrew lejh biex isellmulu” (9:15).

Hija l-mistoqsija ta’ Ġesù li jsaqsi fuqhiex kienu qegħdin jitlewmu – probabbilment, għal darb’oħra kienu qed isaqsu fuq l-awtorità ta’ Ġesù fuq l-ispirti l-ħżiena (ara Mk 3:22-30), u forsi wkoll b’liema awtorità kienu qed jippruvaw ikeċċu l-ispirti l-istess dixxipli ta’ Ġesù - li ddaħħal fix-xena lill-missier li kien qed jitlob fejqan għal ibnu: «Mgħallem, ġibtlek lil ibni għax għandu spirtu mbikkem. U kull fejn jaħkmu jsabbtu ma’ l-art u hu joħroġ ir-ragħwa minn ħalqu, jgħażżeż snienu u jibbies. Għedt lid-dixxipli tiegħek biex ikeċċuh minnu, u ma kellhomx ħila.» (9:17-18). Minkejja li l-missier diġa’ qed juri fidi f’Ġesù, għax isejjaħlu ‘Mgħallem’, dan iqanqal lil Ġesù biex minn qiegħ qalbu jilminta fuq in-nuqqas ta’ twemmin ta’ dawk li kienu madwaru. Huwa ilment fil-veru sens tal-kelma, l-għajta tal-imħabba ttraduta, il-karba ta’ Alla li hi, fl-aħħar mill-aħħar, sinjal qawwi tal-affett tiegħu lejn il-bnedmin. «Ja nies bla fidi» qalilhom Ġesù, «kemm se ndum magħkom? Kemm se ndum nissaportikom? Ġibuhuli quddiemi» (9:19)

Jibda l-konfront bejn Ġesù u l-ispirtu ħażin, spirtu li kien irendi lit-tifel trux u mbikkem, għax Mark jikteb: “U ressquhulu quddiemu. L-ispirtu, malli lemaħ lil Ġesù, beda jħabbtu ’l hawn u ’l hemm bir-ragħwa f’ħalqu” (9:20). Quddiem Ġesù l-ispirtu ħażin iħabbat lit-tifel ’l hawn u ’l hemm bir-

ragħwa f'ħalqu…imma għax kien spirtu trux u mbikkem, tonqos l-għajta tal-ispirtu li tinsab fir-rakkonti l-oħra tal-eżorċiżmi.

Hu f'dan l-eżorċiżmu biss li Ġesù jagħmel mistoqsija lill-missier li jieħu l-okkażjoni biex jispjega t-tip ta' manifestazzjonijiet li kien juri t-tifel: «Xi kemm ilu jagħtih hekk?» staqsa Ġesù lil missieru.»Minn ċkunitu,» qallu, «u sikwit ġie li tefgħu fin-nar u fl-ilma biex jeqirdu" (9:21-22). Hija deskrizzjoni ħajja u qawwija tal-manifestazzjonijiet djaboliċi fit-tifel. Tal-qawwa djabolika li trid twassal lit-tifel għall-mewt. Huwa l-istess spirtu ta' mewt u ta' distruzzjoni proprja li rajna fid-deskrizzjoni ta' l-imxajtan ta' Ġerasa, fid-Dekapoli. Fil-Vanġelu skont San Mattew, l-evanġelista juri li dawn il-manifestazzjonijiet fiżiċi kienu frott l-epilessija, il-marda 'tal-qamar'. Xejn kuntradditorju. Jista' jkun ukoll. Imma l-kawża tal-marda tidher ċara li ma kenitx biss fiżjoloġika, imma fil-fatt anke djabolika. Għalhekk hawnhekk ma nistgħux nitkellmu biss minn fejqan fiżiku imma minn eżorciżmu veru u proprju, li mbagħad jipproduċi wkoll il-fejqan fiżiku.

Kienet sitwazzjoni mwiegħra għat-tifel, għall-missier u għall-familja kollha…u għal kull min kien jafu. Mhux ta' b'xejn toħroġ dik il-karba mill-qalb tal-missier: "Imma int, jekk tista' tagħmel xi ħaġa, għinna u ħenn għalina!» (9:22). Jitlob l-għajnuna u jappella għall-ħniena infinita tiegħu!

«Jekk tista'!» qallu Ġesù. «Kollox jista' jkun għal min jemmen!» Missier it-tifel minnufih beda jgħajjat u jgħidlu: «Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!» (9:23-24). Ġesù jitlob il-fidi, bħalma diġà kien għamel ma' Ġajru (Mk5:36), fidi fil-Missier, fidi fil-Bxara t-Tajba, fidi fih. U l-missier jagħmel talba li biha juri x-xewqa kbira li jimxi 'l quddiem, jikber fil-fidi tiegħu: «Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!»

Il-kelma ta' Ġesù hija qawwija, kelma li kellha definittivament tkeċċi l-ispirtu ħażin minn dak il-povru tifel. Huwa konfront drammatiku: «Ja spirtu mbikkem u trux, jiena nordnalek: oħroġ minnu, u la terġax tidħol fih, qatt iżjed!» U filwaqt li qabad jixher u jħabbtu ħafna, ħareġ minnu, u t-tifel inxteħet għal mejjet, hekk li l-kotra tan-nies bdiet tgħid: «Miet!» Imma Ġesù



qabdu minn idu u qajmu, u hu waqaf fuq saqajh" (9:25-27). Ġesù jordna b'qawwa lill-ispirtu, "jiena nordnalek", bħalma kien għamel fis-sinagoga ta' Kafarnahum u fl-inħawi ta' Ġerasa (1:25; 5:8) u l-ispirtu jixher u jħabbat ħafna lit-tifel bħalma għamel f'1;27. Hawnhekk iħallih bħal mejjet, tant li n-nies ħasbu li kien "Miet!".

Iżda proprju f'dan il-mument tidher li l-Kelma qawwija ta' Ġesù, il-kelma tas-Saltna ta' Alla, hija l-espressjoni tal-qawwa tal-Iben ta' Alla li mill-mewt kien qed isejjaħ lill-bniedem għall-ħajja. Bħalma kien għamel ma' omm il-mara ta' Xmun u ma' bint Ġajru (1:31; 5:41) jaqbad it-tifel minn idu u jqajmu u hu "waqaf fuq saqajh". Għandna eku tal-qawmien minn bejn l-imwiet: il-kelma qawwija ta' Ġesù tfejjaq, teħles u terġa' tagħti l-ħajja mill-ġdid! Tabilħaqq, fil-kuntest ta' din is-silta, nistgħu nistqarru li dan it-tifel imfejjaq u meħlus, jidħol fid-dawl ġdid tal-misteru tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù, ġrajja li kienet seħħet ftit qabel fuq it-Tabor!

## It-talb

Ir-rakkont jagħlaq bid-djalogu bejn id-dixxipli u Ġesù: "Meta mbagħad Ġesù raġa' daħal id-dar, id-dixxipli tiegħu staqsewh rasu u rashom: «Għaliex ma rnexxilniex inkeċċuh?» «Spirtu bħal dak,» qalilhom, «ma jista' jitkeċċa b'xejn ħlief bit-talb.» (9:28-29). (Xi manuskritti jżidu wkoll "is-sawm"). Id-dixxipli ma jifhmux għaliex huma ma kellhomx il-ħila jkeċċu lil dak l-ispirtu, huma li kienu rċevew l-awtorità: bagħathom tnejn tnejn, filwaqt li tahom is-setgħa fuq l-ispirti l-ħżiena" (Mk 6:7)… «Ħarġu mela jxandrui biex in-nies jindmu; u keċċew bosta xjaten, u dilku ħafna morda biż-żejt u fejquhom" (6:12).



It-tweġiba hija ċara: hemm spirti li għandhom qawwa ikbar: «Spirtu bħal dak,» qalilhom, «ma jista' jitkeċċa b'xejn ħlief bit-talb.» hija meħtieġa fidi qawwija, bħalma ntalab lil missier it-tifel. Il-qawwa li tirbaħ fuq ix-xjaten u l-ispirti l-ħżiena mhijiex xi qawwa awtomatika. Bħal-fidi, hija qawwa li trid tiġi mitluba u milqugħa fit-talb u anke fis-sawm, jiġifieri fiċ-ċahda taċ-ċertezzi umani li jifthu u jrawmu fiduċja sħiħa fil-qawwa waħdanija tal-Kelma ta' Alla.

Tajjeb li nagħlqu b'żewġ kelmiet: dan l-eżorċiżmu jiċċentra fuq il-qawwa ta' Ġesù bħala dak li jfejjaq, jeħles u jagħti l-ħajja. Il-qawwa hija kollha kemm hi tiegħu!

F'dan il-kuntest tidher in-neċessità tal-fidi: fidi nieqsa tad-dixxipli, tal-missier…li tikber quddiem il-kelma ta' Ġesù, "kollox jista' jkun għal min jemmen" u tinfexx f'dik it-talba, attwali għalina lkoll, "Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!"

L-eżorċiżmi ta' Ġesù fil-Vanġelu skont San Mark mhux biss juru l-qawwa tal-Kelma setgħana tiegħu bħala dak li jfejjaq u jeħles per eċċellenza, imma jikkonfermaw dak li kellu jikteb San Ġwann fl-Ewwel Ittra tiegħu: "Kien għalhekk li deher l-Iben ta' Alla, biex iħott kull ma għamel ix-Xitan" (3:8).




# IT-TEMA TAL-ĦBIBERIJA FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Fr Martin Micallef OFMCap*

It-tema tal-ħbiberija hija waħda li nsibuha mifruxa mill-bidu sal-aħħar tar-Raba' Evanġelju bħala għajnuna li permezz tagħha l-Evanġelista San Ġwann, kif baqa' magħruf fit-Tradizzjoni Nisranija, jitkellem fuq kif id-dixxipli jistgħu jkunu magħqudin mal-persuna ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla.[1] F'kuntrast mal-kittieba Griegi u Rumani li kitbu fuq it-tema tal-ħbiberija bħala



mod idealistiku jew bħala kunċett utopiku,[2] ir-Raba' Evanġelista jurina li mhux biss teżisti relazzjoni bejn Ġesù u l-Missier, iżda din ir-relazzjoni hija miftuħa wkoll għad-dixxipli ta' Ġesù.

Hekk naqraw fid-diskors ta' Ġesù waqt l-aħħar ċena meta Ġesù jgħid lid-dixxipli: "Intom ħbiebi, jekk tagħmlu dak li jiena nikkmandakom. Ma nsejħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kulma smajt mingħand Missieri jiena għarraftulkom" (Ġw 15:14-15).[3]

Bi xbieha ġdida, Ġesù jfisser l-imħabba tiegħu lejn id-dixxipli bħala l-qafas u l-eżempju tal-imħabba li d-dixxipli jrid ikollhom lejn xulxin: ix-xbieha hija dik ta' ħabib li jagħti ħajtu għal ħbiebu: "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15:13). Din l-idea tgħaqqad ma' dak li nsibu f'13:1 sentenza li biha dan l-Evanġelista jintroduċi r-rakkont twil tal-passjoni permezz tal-informazzjoni li Ġesù, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom sal-aħħar. Ġesù jfisser dan il-kliem permezz tal-ġest tal-ħasil tar-riġlejn bħala mod li bih wera kif baqa' jħobb lid-dixxipli tiegħu sal-aħħar.[4]

## Il-ħabib tal-għarus

L-ewwel użu tal-kelma "ħabib" [bil-Grieg: *philos*] insibuha fi Ġw 3:29 fejn Ġwanni "l-Battista"[5] huwa muri bħala "il-ħabib tal-għarus."[6] Huwa biss fl-Evanġelju skont San Ġwann li Ġwanni l-Battista, hu mogħti t-titlu: "il-ħabib tal-għarus" [bil-Grieg: *ho philos tou vumphiou*].[7] Din l-espressjoni kienet tintuża sabiex tirreferi għall-ħabib l-aktar intimu tal-għarus, li kellu r-rwol li jipprepara u jippreżenta l-għarusa lill-għarus.[8]

Minkejja dan, ir-Raba' Evanġelista jiffoka aktar fuq il-kuntrast bejn Ġwanni l-Battista u Ġesù, b'Ġesù li hu superjuri għal Ġwanni.[9] Dan ifisser li l-ħbiberija ta' Ġesù ma' Ġwanni hija differenti minn dik ta' Ġesù mad-dixxipli tiegħu li magħhom huwa ried jaqsam dak kollu li tah il-Missier.[10]

## Il-ħbieb ta' Betanja

Ġwanni l-Battista mhuwiex l-uniku personaġġ li jissemma bħala l-ħabib ta' Ġesù f'dan l-Evanġelju.

Lazzru huwa karattru ieħor li Ġesù nnifsu jsejjaħlu ħabibu: "Ħabibna Lazzru rieqed; iżda ħa mmur u nqajmu" (Ġw 11:11). Fil-messaġġ tagħhom lil Ġesù, Marija u Marta jiddeskrivu lil Lazzru bħala dak li Ġesù kien iħobb: "Iż-żewġ nisa bagħtu jgħidu lil Ġesù: 'Mulej, ara, dak li inti tħobb marid'" (Ġw 11:3).[11]

Il-fatt li dawn iż-żewġ nisa aħwa jibagħtu dan il-messaġġ lil Ġesù, kif ukoll il-kontenut tal-istess messaġġ juri l-ħbiberija li kien hemm bejn Ġesù u din il-familja ta' Betanja.[12] Fil-fatt, l-Evanġelista jkompli jgħidilna hekk: "Ġesù kien iħobbhom lil Marta u lill-oħtha u lil Lazzru" (Ġw 11:5). Hekk ukoll inkomplu naqraw fl-istess episodju, fejn wara li l-Evanġelista jinfurmana li "Ġesù beka," (Ġw 11:35), immedjatament jgħaddi biex jagħtina r-reazzjoni tal-Lhud preżenti li qalu: "Ara kemm kien iħobbu!" (Ġw 11:36).

## Id-dixxiplu l-maħbub

Flimkien ma' Ġwanni l-Battista u l-familja ta' Betanja, nistgħu ninkludu wkoll lid-Dixxiplu l-Maħbub, bħala wieħed mill-ħbieb ta' Ġesù f'dan l-Evanġelju. Dan id-dixxiplu kien intimu ma' Ġesù u jiġi introdott fin-narrativa permezz tal-pożizzjoni tiegħu f'rabta ma' Ġesù: "Wieħed mid-dixxipli tiegħu, dak li Ġesù kien iħobb, kien maġenbu fuq il-mejda, b'rasu ma' sider Ġesù" (Ġw 13:23). Dan id-dixxiplu jibqa' bla isem, u kull darba li jitfaċċa fin-narrativa, dan isir dejjem f'relazzjoni ma' Ġesù, speċjalment permezz tat-titlu mogħti lilu bħala d-dixxiplu li kien iħobb Ġesù.[13]

Nistgħu ngħidu, mela, li fir-Raba' Evanġelju l-uniċi erba' karattri li huma msejħin b'mod espliċitu bħala l-ħbieb ta' Ġesù huma Ġwanni l-Battista, Marija u oħtha Marta, Lazzru u d-Dixxiplu l-Maħbub. Filwaqt li l-ħbiberija ta' dawn il-karattri titfa' dawl fuq ir-relazzjoni tal-Iben ta' Alla mal-bniedem, il-konċentrazzjoni tal-materjal li jitkellem fuq ir-relazzjoni





ta' Ġesù mad-dixxipli tiegħu bħala ħbiebu nsibuh mill-kapitlu 13 sa 17 ta' dan l-Evanġelju. F'din il-parti tan-narrativa nsibu lil Ġesù waħdu ma' dawn id-dixxipli tiegħu waqt l-aħħar ikla.

## Il-ħbiberija ta' Ġesù mad-dixxipli fit-tieni parti tal-Evanġelju

Id-diskors ta' Ġesù mad-dixxipli waqt l-aħħar ċena huwa ħafna aktar estensiv mid-diskorsi tiegħu li nsibu fil-kumplament tar-Raba' Evanġelju.[14] Dan id-diskors kien intenzjonat biss għad-dixxipli jew il-ħbieb ta' Ġesù, tant li kien jeħtieġ li Ġuda l-Iskarjota jitlaq minn din il-kamra qabel ma Ġesù jibda dan id-diskors tiegħu. Ġw 13:21-30 għalhekk isservi bħala mod kif dan l-Evanġelista jippreżenta d-diskors tal-aħħar ta' Ġesù bħala diskors bejn il-ħbieb.[15]

F'dan id-diskors, Ġesù jħabbar li s-siegħa tiegħu kienet waslet. B'reazzjoni għal dan il-kliem, Pietru jgħid lil Ġesù: "Għaliex, Mulej, ma nistax niġi miegħek issa? Għalik jiena nagħti ħajti!" (Ġw 13:37). Permezz ta' din id-dikjarazzjoni ta' lealtà assoluta, Pietru kien qed jiddikjara li hu kien ħabib tassew ta' Ġesù. Il-qarrej tal-Evanġelju, iżda, ma jdumx ma jiskopri li mhux Ġuda biss kellu problema sabiex ikun ħabib veru ta' Ġesù: Pietru wkoll jonqos mil-lealtà tiegħu lejn Ġesù, tant illi Ġesù jwieġeb hekk lil Pietru: "Inti tagħti ħajtek għalija? Tassew tassew ngħidlek li s-serduk ma jkunx idden qabel ma tkun ċħadtni tliet darbiet!" (v.38).

## Marija ta' Magdala

Ġrajja oħra li tikkonċentra fuq il-ħbiberija ma' Ġesù, hija dik ta' Marija ta' Magdala, waħda mill-erba' nisa preżenti fix-xena tal-mewt ta' Ġesù fuq is-salib. L-istorja li nsibu fil-bidu tal-Kapitlu 20, imbagħad, tgħaqqad mal-ġrajja tas-salib, fejn fl-ewwel jum tal-ġimgħa meta kien għadu d-dlam, nerġgħu niltaqgħu ma' din il-mara ħdejn il-qabar ta' Ġesù.

Hija tara l-ġebla tal-qabar imgerba u tibda tfittxija biex issib fejn kien Ġesù. Ġesù jidher quddiemha ħaj, imma hija ma setgħetx tagħrfu minħabba li qatt ma basret li Ġesù seta' jerġa' jkun ħaj!

Il-waqt li fih hija tagħraf lil Ġesù huwa meta jsejħilha bl-isem tagħha mlissen bil-Lhudi: "Mirjam!" (Ġw 20:16). Ħafna huma dawk li jippreżentaw lil Marija ta' Magdala hawnhekk bħala waħda min-ngħaġ ta' Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb, li jsejjaħ lin-ngħaġ tiegħu b'isimhom u huma jagħrfu l-leħen tiegħu fuq l-isfond ta' dak li naqraw fi Ġw 10:8.16.27.[16]

Il-konklużjoni tar-rakkont bil-kliem ta' Ġesù: "La tmissnix, għax għadni ma tlajtx għand il-Missier" (Ġw 20:17), ifakkarna f'xeni tad-drama Griega, fejn żewġ maħbubin isibu lil xulxin wara perjodu ta' assenza u bosta diffikultajiet li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom. Studjużi oħra mbagħad, jirrimarkaw li l-isfond tax-xena ta' meta Marija ssib lil Ġesù u tipprova tmissu, huwa dak li naqraw fil-ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet 3:1-4.[17]

Marija ta' Magdala tingħata l-privileġġ li tkun l-ewwel xhud tal-qawmien ta' Kristu meta Ġesù jagħtiha l-mandat li tmur tgħid lill-"aħwa" li hu kien sejjer "għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom" (Ġw 20:17). Dan hu lingwaġġ tipiku tal-Patt. Dan il-kliem ta' Ġesù jfakkarna fil-wegħda li l-Mulej Alla kien għamel mal-poplu tiegħu: li huma jkunu l-poplu tiegħu u hu jkun Alla tagħhom. Marija issa kellha l-inkarigu li tgħid






lill-aħwa dwar dan kollu, missjoni li hija twettaq immedjatament bħala l-ewwel waħda li rat lill-Mulej "u qaltilhom x'qalilha" (Ġw 20:18).

L-istorja ta' dawn il-karattri turina kif l-użu tal-lingwaġġ marbut mat-tema tal-ħbiberija fir-Raba' Evanġelju huwa użat b'mod tassew kreattiv. Permezz ta' dan il-lingwaġġ li hu minsuġ ħaġa waħda man-narrativa ta' dan l-Evanġelju, ir-Raba' Evanġelista jistedinna sabiex inkomplu niskopru min hu Ġesù u sabiex nintrabtu miegħu, bħalma hu ħaġa waħda mal-Missier.

## Referenzi

1 Għal studji fuq it-tema tal-ħbiberija fl-Evanġelju skont San Ġwann ara Sharon H. Ringe, *Wisdom's Friends: Community and Christology in the Fourth Gospel* (Louisville, KY: Westminister/John Knox Press, 1999); Martin M. Culy, *Echoes of Friendship in the Gospel of John*. New Testament Monographs 30 (Sheffield: Sheffield Phoenix Press, 2010).

2 Għal studji tat-tema tal- ħbiberija fid-dinja Griega-Rumana ara David Konstan, *Friendship in the Classical World* (Cambridge: Cambridge University Press, 1997); John T. Fitzgerald, ed., *Greco-Roman Perspectives on Friendship* (Atlanta, GA: Scholars Press, 1997).

3 Jekk Ġesù jsejjaħ lid-dixxipli bħala "ħbiebi," il-Mulej Alla qatt mhuwa msejjaħ bħala l-ħabib tad-dixxipli f'dan l-Evanġelju.

4 Fuq dan il-punt ara Eldho Puthenkandathil, *Philos: A Designation for the Jesus-Disciple Relationship: An Exegetico-Theological Investigation of the Term in the Fourth Gospel* (New York: Peter Lang, 1993), 212,

5 It-titlu ta' "Battista" jew "Għammiedi," mhuwa qatt mogħti lil Ġwanni fir-Raba' Evanġelju.

6 Dwar ir-rwol ta' Ġwanni l-Battista bħala "il-ħabib tal-għarus" ara l-istudju ta' Lorenzo Infante, *L'amico dello Sposo: Figura del ministero di Giovanni Battista nel Vangelo di Giovanni* (Rome: Pontificia Universitas Gregoriana, 1984).

7 L-immaġini ta' Ġesù bħala l-għarus hawn għandha bħala sfond ix-xbieha ta' għarus li nsibu fil-paġni tat-Testment il-Qadim u li permezz tagħha l-profeti jitkellmu mir-relazzjoni bejn Alla u l-poplu ta' Israel (ara Óos 1:2; Ġer 2:2). Fil-Knisja tal-bidu, din ix-xbihat kienet waħda minn xbiehat li ġew trasferiti sabiex permezz

tagħha l-insara jitkellmu mir-relazzjoni bejn Ġesù u l-Knisja (2 Kor 11:2; Efes 5:27).

8 Ara Mary L. Coloe, "Witness and Friend: Symbolism associated with John the Baptiser," in J. Frey, J.G. van der Watt and R. Zimmermann, eds., *Imagery in the Gospel of John* (WUNT, 200; Tübingen: Mohr Siebeck, 206), 319-332.

9 Ara Ġw 3:27-36. Ara l-argumenti ta' D. Moody Smith, *John.* Abington New Testament Commentaries (Nashville: Abingdon Press, 1999), 105.

10 Ara per eżempju, dak li Ġesù jgħid fi Ġw 17:8. "Il-kliem li int tajt lili jiena tajtu lilhom, u huma laqgħuh u għarfu tabilħaqq li jien ħriġt minnek." Flimkien mal-kliem tal-Missier, Ġesù jirrivela wkoll lid-dixxipli l-isem tal-Missier: "U jien għarrafthom ismek u għad ngħarrafhom iżjed, biex l-imħabba li biha ħabbejtni tkun fihom, u jiena fihom" (Ġw 17:26); Ġesù qasam mad-dixxipli l-paċi tiegħu kif naqraw f'Ġw 14:27: "Jiena nħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi"; qasam magħhom il-ferħ tiegħu kif naqraw f'Ġw 15:11 "Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi ikun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ."

11 L-Edizzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* titraduċi Ġw 11:3 b'dan il-mod: "Iż-żewġ nisa bagħtu jgħidu lil Ġesù: 'Mulej, ara, *ħabibek* marid."

12 Fuq ir-rwol ta' dawn iż-żewġ nisa aħwa u r-relazzjoni tagħhom ma' Ġesù f'dan l-Evanġelju ara Dorothy A. Lee, "Martha and Mary: Levels of Characterization in Luke and John," in Christopher W. Skinner ed., *Characters and Characterization in the Gospel of John.* Library of New Testament Studies 461 (London: Bloomsbury T & T Clark, 2013), 197-220.

13 Fuq id-dixxiplu l-maħbub u r-rwol tiegħu fir-Raba' Evanġelju ara Martin Micallef, "Id-Dixxiplu li ħabb Ġesu: L-anonimità u l-identità fir-Raba' Evangelju," *L-Art Imqaddsa, Rivista Biblika* 201 (Lulju-Settembru 2018): 31-36.

14 L-istudjużi tar-Raba' Evanġelju ma jaqblux bejniethom fuq l-istruttura u fuq kif ġie ffurmat d-Diskors tal-Aħħar li nsibu f'dan l-Evanġelju. Ara per eżempju, Johannes Beutler, *A Commentary on the Gospel of John* (Grand Rapids, MI: Eerdmans, 2017), 317-440.

15 Ara Fernardo F. Segovia, *The Farewell of the Word: The Johannine Call to Abide* (Minneapolis: Fortress Press, 1991), 22.

16 Ara Martin Micallef, "Il-Laqgħa ta' Kristu Rxoxt ma' Marija ta' Magdala: Għajnuna għall-ħajja presbiterali (Ġw 20: 1-18)," eds., John Berry - Emmanuel Agius, *Il-Konverzjoni pastorali: nilqgħu l-istedina: Aġġornament tal-Kleru 23-26 ta' Ġunju 2016* (Malta: Arċidjocesi ta' Malta: 2017), 83-109.

17 Fuq dan l-isfond ara Martin Micallef, *The Importance of 'zeteo' in the Gospel of John, Excerpt from Thesis presented for the Degree of Sacred Theology* (Malta: University of Malta, 2010).



# INFAKKRU T-800 SENA MILL-MIĠJA TA' SAN FRANĠISK FL-ART IMQADDSA

***Noel Muscat ofm***

Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa se tiddedika s-sena 2019 biex tfakkar it-800 sena minn meta San Franġisk t'Assisi mar fil-Lvant Nofsani u żar l-Art Imqaddsa. Kien matul dik l-okkażjoni li San Franġisk mar jiltaqa' mas-Sultan tal-Eġittu, al-Malik al-Kamil, waqt li l-qawwiet Kristjani tal-Ħames Kruċjata kienu qed jassedjaw il-belt ta' Damietta fuq ix-xmara Nil. Għalkemm is-

sena d-dieħla se niddedikaw artikli speċjali għal din il-ġrajja unika, tajjeb li minn issa nintroduċu dan is-suġġett bi sfond storiku dwar dak li ġiegħel lil San Franġisk imur fil-Lvant u anke jżur l-Art Imqaddsa.

## Il-Konċilju Lateran IV

Lotario dei Conti di Segni sar Papa fit-22 ta' Frar 1198 u ħa l-isem ta' Innoċenz III. Ftit tas-snin qabel, fl-1187, nhar l-4 ta' Lulju, il-qawwiet Kruċjati kienu tilfu battalja deċiżiva fuq l-għolja ta' Qarne Hattin, fuq l-Għadira tal-Galilija, u fit-2 ta' Ottubru tal-istess sena Saladin kien daħal Ġerusalemm u keċċa lill-Kruċjati. Hekk intemm ir-Renju Latin minn Ġerusalemm, li kien dam mill-15 ta' Lulju 1099, meta l-Kruċjati daħlu fil-Belt Qaddisa, sal-1187, meta tilfu ħafna mill-Art Imqaddsa, u kellhom jirtiraw f'xi bliet fuq il-kosta tal-Palestina, fosthom Akri, u fil-gżira ta' Ċipru.

Meta seħħew dawn il-ġrajjiet, San Franġisk kien għadu tifel ta' xi 6 snin, imma ċertament sema' bl-aħbar li xxukkjat lill-Kristjanità kollha. Fil-ħajja tiegħu, bħal żgħażagħ oħrajn ta' mparu, kellu ħeġġa biex imur jiġġieled ħalli jerġa' jirbaħ l-Art Imqaddsa. Fl-1204, meta kellu 22 sena, ingħaqad ma' Guatier de Brienne biex imur jiġġieled fil-Puglie u mbagħad imur l-Art Imqaddsa u forsi jieħu titlu ta' kavallier, imma din il-ħolma malajr spiċċat fix-xejn.

Wara li ngħata kollu kemm hu lil Alla, Franġisku xorta baqa' joħlom li jmur jippriedka lil Ġesù lill-Musulmani, jew kif kienu magħrufin, lis-Saraċini. Hekk għamel fl-1212, meta telaq bil-ġifen minn Ancona, imma spiċċa fuq il-kosta tad-Dalmazja minħabba tempesta u kellu jerġa' lura l-Italja. Fl-1213 ipprova jmur Spanja u l-Marokk, imma marad u kellu jerġa' lura. Kien biss fl-1219 li rnexxielu jmur fil-Lvant.

Imma sadanittant il-fervur tal-Kruċjati kien kiber. Il-Papa Innoċenz III kien iddeċieda li jerġa' jikseb l-Art Imqaddsa għall-Kristjanità. Diġà f'April 1213 hu kien ippubblika l-bulla *Quia maior*, li fiha stieden lill-Ewropa Kristjana biex tmur teħles il-Postijiet Imqaddsa mill-ħakma tas-Saraċini. Hu iddeċieda li jlaqqa' Konċilju fil-Lateran.



*Saladin jieħu Ġerusalemm*

Fl-1213 ippubblika l-bulla *Vineam Domini Sabaoth*, u ħabbar li l-Konċilju kellu jiltaqa' f'Novembru 1215.

Kien proprju waqt il-Konċilju Lateran IV li ltaqa' Ruma f'Novembru 1215, u li għalih kien preżenti San Franġisk, li l-Papa ddikjara li kellha ssir Kruċjata biex teħles l-Art Imqaddsa minn idejn is-Saraċini. Il-Papa kien diġà nieda Kruċjata fl-1202-1204, ir-Raba' Kruċjata, imma din kienet spiċċat traġikament għax il-Venezjani qerdu l-belt ta' Zara fid-Dalmazja u mbagħad għamlu ħerba minn Kostantinopli, u Ġerusalemm ma waslu qatt. L-uniku effett ta' din il-Kruċjata kien dak li qajmu l-mibegħda tal-Griegi Ortodossi kontra l-Kattoliċi, meta raw kif dawn qerdu Kostantinopli u pprofonaw il-knisja ta' Hagia Sophia.

Innoċenz III kien Papa li kellu jaffronta perikli minn ġewwa u minn barra, u li ffaċċjahom b'id tal-ħadid. Fi Franza l-ereżija tal-Katari jew Albiġiżi kienet mifruxa sewwa, u l-Papa organizza Kruċjata kontra l-eretiċi. Din il-Kruċjata kienet tikkonsisti fil-predikazzjoni, li saret l-aktar minn San Duminku u l-patrijiet Predikaturi, imma fiha ntużat ukoll il-vjolenza kontra bliet sħaħ li kienu mċappsin bl-ereżija. Il-periklu l-ieħor kien l-Islam, li kien ħakem l-Art Imqaddsa mill-ġdid. Innoċenz III iddeċieda li jsejjaħ Kruċjata oħra, il-Ħames Kruċjata.

Fi tmiem il-Konċilju Lateran IV, fl-14 ta' Diċembru 1215, il-Papa ħareġ digriet, imsejjaħ *Ad liberandam Terram Sanctam*, li fih ħabbar din il-Kruċjata. "Hi l-intenzjoni mħeġġa tagħna li neħilsu l-Art Imqaddsa minn idejn l-infidili. Għaldaqstant niddikjaraw, bl-approvazzjoni ta' dan il-Konċilju mqaddes u fuq il-parir ta' rġiel prudenti li jafu tajjeb iċ-ċirkustanzi tal-postijiet u ż-żminijiet, li l-Kruċjati għandhom ikunu mħejjija sabiex dawk kollha li se jbaħħru jinġemgħu fir-renju ta' Sqallija fl-1 ta' Ġunju tas-sena wara

*Hagia Sophia*





*Papa Innoċenz III*

dik li jmiss (1217); oħrajn għandhom jinġemgħu fi Brindisi u oħrajn f'Messina. Aħna wkoll nixtieqi li nkunu preżenti f'dak iż-żmien biex, jekk Alla jrid, u bil-parir tagħna, l-armata Kristjana tkun tista' titlaq b'ordni u bil-barka apostolika u divina."

## San Franġisk imur fl-Eġittu fi żmien il-Ħames Kruċjata

Il-pjan tal-mexxejja tal-Ħames Kruċjata kien dak li, qabel ma jieħdu f'idejhom Ġerusalemm, iġibu fix-xejn id-dinastija tal-Ayyibidi fl-Eġittu (1218-1238), immexxija mis-Sultan al-Malik al-Kamil, neputi ta' Saladin. Dan kellu lil ħuh al-Malik al-Muazzam, li kien jaħkem Ġerusalemm, u li kien qered il-fortifikazzjonijiet tal-Belt Qaddisa. Il-Kruċjati nġemgħu biex jitilqu fl-1217, u wara li waqfu Akri, il-kapitali tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm, komplew fi triqthom lejn Damietta, belt fortifikata fuq ix-xmara Nil, fejn din ix-xmara toħroġ fil-Mediterran.

Al-Kamil kien magħruf bħala mexxej Musulman qawwi imma pjuttost twajjeb. Kull meta kellu


*San Franġisk għand is-Sultan*

x'jaqsam mal-Kruċjati kien offrielhom konċessjonijiet, li huma qatt ma aċċettaw, l-aktar għaliex il-Ħames Kruċjata, li kienet immexxija mir-Re Jean de Brienne (c.1170-1237), kellha wkoll kmandant militari kiefer, fil-persuna tal-Legat Pontifiċju l-Kardinal Pelagio Galvan, li wasal fil-kamp Kruċjat f'Settembru 1218.

Fil-Kapitlu Ġenerali ta' Pentekoste tal-14 ta' Mejju 1217, San Franġisk kien bagħat diversi patrijiet fil-missjonijiet, u l-aktar fil-Lvant. Kien bagħat lil fra Elija minn Cortona, flimkien ma' aħwa oħrajn, u dawn marru joqogħdu Akri, il-belt kapitali tal-Kruċjati. Kien fl-1217 li twaqqfet il-Provinċja tas-Sirja, jew ukoll ta' *Outremer* (lil hinn mill-baħar), li kienet tiġbor fiha l-pajjiżi kollha tal-Lvant Nofsani.


*Jean de Brienne*

San Franġisk, imħeġġeġ mix-xewqa tal-martirju, imma wkoll li jippriedka lil Kristu lill-Musulmani, iddeċieda li jieħu miegħu grupp ta' aħwa, fosthom fra Illuminato minn Rieti u fra Pietro Cattani, u wara l-Kapitlu ta' Pentekoste tas-26 ta' Mejju 1219, telaq minn Ancona, jew minn Brindisi, lejn l-Art Imqaddsa. Id-data tat-tluq tiegħu kienet l-24 ta' Ġunju 1219.

Il-vjaġġ li għamel San Franġisk bil-baħar kien dak li normalment kienu jagħmlu l-Kruċjati biex jaslu l-Art Imqaddsa. Jekk telaq minn Brindisi, qasam l-Adrijatiku għall-kosta tal-Greċja, maġenb il-gżejjer ta' Corfù u Cephalonia, u baqa' nieżel mal-peninsula tal-Peloponneso sa ma wasal fil-gżira ta' Candia, jew Kreta. Minn Kreta mbagħad kompla jbaħħar lejn Rodi u l-kosta tan-nofsinhar tat-Turkija u qasam għal Ċipru, fejn x'aktarx waqaf għal xi żmien. Minn Ċipru kien hemm biss traġitt qasir ta' baħar biex San Franġisk wasal fuq il-kosta tal-Libanu u baqa' nieżel sa Akri. Hemmhekk, fil-port tal-Pisani, sab jistennih lil fra Elija li laqgħu għall-ewwel darba fl-Art Imqaddsa. Minn Akri San Franġisk reġa' telaq bil-baħar biex jasal f'Damietta lejn il-bidu ta' Awwissu 1219, waqt li l-Kruċjati kienu qed jassedjaw il-belt.

Din l-avventura kompliet bil-laqgħa unika li Franġisku kellu mas-Sultan al-Malik al-Kamil, u biż-żjara tiegħu fil-Postijiet Qaddisa qabel ma reġa' lura fl-Italja lejn nofs l-1220. Din it-tifkira ta' 800 sena mill-miġja ta' San Franġisk fl-Art Imqaddsa se tkun is-suġġett ta' artikli speċjali li s-sena d-dieħla se jidhru fuq din ir-Rivista.

Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2019




## ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2019

# Pellegrinaġġi Franġiskani 2019

**Art Imqaddsa** 7 Ijiem
15 - 22 Frar

**Art Imqaddsa u Ġordanja**
29 April - 09 Mejju

**Art Imqaddsa** 8 Ijiem
11 - 19 Lulju
02 - 10 Settembru

**Art Imqaddsa** *Extra*
04 - 14 Novembru

**Assisi**
15 - 23 Ġunju
31 Awwissu - 08 Settembru



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt